IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.2.2025
COM(2025) 3 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri kif aġġornati skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE)

{SWD(2025) 1 final}

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 1

2. L-ISTAT TAL-IBĦRA FL-EWROPA 4

3. L-INDIRIZZAR TAL-KRIŻI PLANETARJA TRIPLA 9

3.1 LEJN TNIĠĠIS ŻERO FL-IBĦRA U FL-OĊEANI 11

3.2 INĠIBU N-NATURA TAL-BAĦAR LURA F'ĦAJJITNA 15

3.3 L-INDIRIZZAR TAL-KRIŻI KLIMATIKA 20

4. L-IŻGURAR TAS-SOLIDITÀ SOĊJO-EKONOMIKA 22

5. GOVERNANZA U KOOPERAZZJONI REĠJONALI 23

6. KONKLUŻJONIJIET U ASPETTATIVI 26

7. RAKKOMANDAZZJONIJIET 28

1. INTRODUZZJONI

L-ibħra u l-oċeani huma vitali għall-kwalità tal-ħajja, tal-għajxien u tal-ekonomiji tagħna – u tal-ġenerazzjonijiet futuri. Iwettqu wkoll funzjoni sinifikanti fis-sekwestru tal-karbonju, billi jirregolaw il-klima u jgħinu biex jitnaqqas l-impatt tat-tibdil fil-klima. Is-saħħa tal-oċeani tista' tagħmel differenza fir-reżiljenza tagħna għall-kriżi planetarja tripla, jiġifieri t-tibdil fil-klima, il-kollass tal-bijodiversità u t-tniġġis. Madankollu, l-użu attwali tal-ibħra tal-Ewropa mhuwiex sostenibbli. Il-pressjoni mhux imnaqqsa fuq l-ekosistemi tal-baħar u d-deterjorament tagħhom qed jagħmluha diffiċli biex jintlaħaq l-objettiv ġenerali tagħna ta' ibħra nodfa, f'saħħithom u produttivi.

Matul dawn l-aħħar 12-il sena, l-Istati Membri tal-UE żviluppaw strateġiji tal-baħar biex jikkonformaw mad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD, Marine Strategy Framework Directive) ([1]). Id-Direttiva tesiġi li huma jivvalutaw l-istatus tal-ambjent tal-baħar tagħhom, ifasslu programmi ta' monitoraġġ, jistabbilixxu miri ambjentali u jimplimentaw miżuri biex jintlaħaq l-għan ewlieni tad-Direttiva li jiġi żgurat "status ambjentali tajjeb" (GES, good environmental status) tal-ilmijiet tal-baħar kollha tal-UE. Dan kellu jinkiseb sal-2020. Id-Direttiva tistabbilixxi deskritturi speċifiċi ([2]) li jiddefinixxu l-kunċett ta' GES, bħall-konservazzjoni tal-bijodiversità jew l-indirizzar tal-pressjoni antropoġenika bħall-istorbju taħt l-ilma, l-ewtrofikazzjoni, il-ħsara f'qiegħ il-baħar, l-iskart fil-baħar u l-kontaminanti.

Deċiżjoni tal-Kummissjoni ([3]) li ilha fis-seħħ minn Ġunju 2017 tirrikjedi li l-Istati Membri jissodisfaw kriterji komuni u standards metodoloġiċi meta jiddeterminaw "status ambjentali tajjeb" f'termini kwantitattivi għall-ilmijiet tal-baħar tagħhom. Huwa importanti li l-MSFD tirrikjedi b'mod espliċitu li l-Istati Membri jikkooperaw mal-ġirien tagħhom f'kull reġjun jew sottoreġjun tal-baħar, preferibbilment permezz ta' strutturi ta' kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali eżistenti ([4]), biex jiġi żgurat li l-miżuri implimentati jkunu koerenti u kkoordinati ([5]).

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([6]) jistabbilixxi prijoritajiet ġenerali inkluż il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi tagħna, u b'hekk isaħħaħ din il-ħidma billi jsegwi l-ambizzjoni li:

- innaqqsu t-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija;
- nimxu lejn ekonomija ċirkolari;
- intejbu l-immaniġġjar tal-iskart; u
- niżguraw is-sostenibbiltà tal-ekonomija blu u tas-sajd tagħna.

([1]) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina). Ara EUR-Lex - 32008L0056 - MT - EUR-Lex (europa.eu).

[2] Il-11-il deskrittur kwalitattiv huma definiti fl-Anness I tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u speċifikati ulterjorment fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/848/UE. Dawn jinkludu D1 – Bijodiversità, D2 – Speċi mhux indiġeni (NIS, Non indigenous species), D3 – Ħut kummerċjali u frott tal-baħar bil-qoxra sfruttati kummerċjalment, D4 – Xbieki alimentari, D5 – Ewtrofikazzjoni, D6 – Integrità ta' qiegħ il-baħar, D7 – Bidliet idrografiċi, D8 – Kontaminanti, D9 – Kontaminanti fil-frott tal-baħar, D10 – Skart, D11 – Enerġija, inkluż l-istorbju taħt l-ilma.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848 li tistabbilixxi kriterji u standards metodoloġiċi ta' status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar, kif ukoll speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni. Ara: EUR-Lex - 32017D0848 - MT - EUR-Lex (europa.eu).

([4]) Inklużi l-istrutturi stabbiliti skont Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali.

([5]) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/56/KE jelenka r-reġjuni u s-sottoreġjuni tal-baħar tal-UE. L-erba' reġjuni tal-baħar tal-UE huma l-Baħar Baltiku, l-Oċean Atlantiku tal-Grigal, il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

([6]) Patt Ekoloġiku Ewropew (europa.eu).

L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità ([7]), il-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero ([8]) u l-pjan ta' azzjoni tal-baħar ([9]) huma l-istrumenti ta' politika ewlenin adottati biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

L-MSFD hija parti minn aġenda usa' dwar ir-reżiljenza tal-ilma. Il-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 għall-Kulleġġ li jmiss ħabbru l-adozzjoni ta' Strateġija Ewropea ġdida għar-Reżiljenza tal-Ilma biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ilma tal-Ewropa billi jiġu ppreservati l-kwalità u l-kwantità tal-ilma fl-UE u lil hinn minnha, jissaħħaħ il-vantaġġ innovattiv kompetittiv tal-industrija tal-ilma tagħna, u jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-isfidi tal-ilma, inkluż it-tniġġis, it-telf tal-bijodiversità, u l-impatti tat-tibdil fil-klima. Ibħra u oċeani nodfa, f'saħħithom u produttivi huma ċentrali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħna u għall-prosperità fit-tul tal-UE. L-MSFD tista' wkoll tagħti kontribut dirett biex jintlaħqu l-objettivi tal-"Patt għall-Oċeani" futur imħabbar mill-President von der Leyen fil-Linji Gwida Politiċi tagħha għall-mandat li jmiss tal-Kummissjoni biex *"jagħti spinta lill-ekonomija blu u jiżgura l-governanza tajba u s-sostenibbiltà tal-oċeani tagħna fid-dimensjonijiet kollha tagħhom"*.

Din hija l-ewwel darba, bħala parti mill-qafas ta' politika l-ġdid, li l-Kummissjoni qed tivvaluta t-tieni programmi ta' miżuri skont l-MSFD. Il-valutazzjoni titwettaq f'koordinazzjoni mill-qrib mal-valutazzjonijiet tat-tielet pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara (RBMPs, river basin management plans) u t-tieni pjan ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD, Water Framework Directive) u d-Direttiva dwar l-Għargħar (FD, Floods Directive) ([10]). Biex titħaffef l-implimentazzjoni effettiva, il-Kummissjoni għandha l-għan li tħeġġeġ approċċ aktar integrat u koerenti fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma ħelu u l-ilma tal-baħar, f'konformità ma' approċċ "mis-sors għall-baħar" ([11]).

Għalhekk, il-valutazzjoni tiffoka b'mod partikolari fuq l-iżgurar li l-implimentazzjoni tal-MSFD tkun konsistenti mad-WFD. Madankollu, għandu jiġi osservat li r-rekwiżiti taż-żewġ direttivi huma differenti. Ir-rapport tad-WFD/FD jivvaluta bir-reqqa l-istat tal-korpi tal-ilma ħelu tal-UE abbażi tad-data rrapportata mill-Istati Membri u l-miżuri li ħadu biex itejbu. Ir-rapport tal-MSFD, meħtieġ mill-Artikolu 16 tal-MSFD, b'kuntrast ma' dan jivvaluta biss il-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri. Iż-żewġ rapporti għalhekk ivarjaw kemxejn fil-kamp ta' applikazzjoni u għalhekk il-paraguni jsiru dwar l-elementi komuni.

([7]) Strateġija għall-bijodiversità għall-2030 (europa.eu).

([8]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM/2021/400 final. Disponibbli fuq: https://environment.ec.europa.eu/strategy/zero-pollution-action-plan_mt.

([9]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti, COM/2023/102 final. Disponibbli fuq: EUR-Lex - 52023DC0102 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

([10]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u tad-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE) It-tielet pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar It-tieni pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar, COM(2025) 2

([11]) L-approċċ mis-sors għall-baħar jirreferi għall-istabbiliment ta' governanza li żżid il-kollaborazzjoni u l-koerenza fis-sistema mis-sors għall-baħar u tnaqqas l-alterazzjoni tal-flussi ewlenin (l-ilma, it-tniġġis, is-sediment, il-materjali, il-bijota, is-servizzi tal-ekosistema) li jirriżultaw f'titjib ekonomiku, soċjali u ambjentali li jista' jitkejjel fl-ambjenti tal-ilma ħelu, kostali, qrib il-kosta, tranżizzjonali u tal-baħar. Huwa jqis is-sistema kollha minn sors għal baħar – filwaqt li jenfasizza r-rabtiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi upstream u downstream u jistimula l-koordinazzjoni bejn is-setturi u s-segmenti.

Għalkemm il-programmi ta' miżuri ġew żviluppati qabel ma ġiet adottata l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura ([12]), l-implimentazzjoni ta' din tal-aħħar ċertament se tinfluwenza t-tielet ċiklu tal-implimentazzjoni tal-MSFD.

Għan u struttura

Dan ir-rapport jippreżenta l-eżiti ewlenin mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-tieni programmi ta' miżuri, li l-Istati Membri kollha kellhom jirrapportaw sal-31 ta' Marzu 2022 ([13]). Dawn il-programmi huma aġġornament mill-ewwel ċiklu ta' implimentazzjoni u jqisu l-aħħar valutazzjoni tal-istat tal-ilmijiet tal-baħar u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2018 dwar il-miżuri ([14]). Analiżi aktar dettaljata tal-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri, il-grad ta' koerenza reġjonali, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż huma pprovduti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah ([15]).

L-analiżi hija strutturata tul il-kriżi planetarja tripla tat-tniġġis, it-telf tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima ([16]). L-għan huwa li jiġi vvalutat jekk il-miżuri mressqa mill-Istati Membri humiex biżżejjed biex jindirizzaw il-forom speċifiċi ta' pressjoni fl-ilmijiet tal-baħar tagħhom u sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-GES. Kif ukoll dak li jsir sett ta' rakkomandazzjonijiet ewlenin biex jiggwidaw aktar titjib. Uħud mill-messaġġi u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin ippreżentati fil-konklużjonijiet jikkomplementaw dawk ippreżentati fir-rapport tad-WFD/FD.

Ħames Stati Membri biss irrapportaw sal-iskadenza ta' Marzu 2022. Disgħa oħra rrapportaw dewmien ta' sa sena u tlieta rrapportaw aktar minn sena ta' dewmien iżda li għadhom fil-ħin biex jiġu inklużi f'din il-valutazzjoni ([17]). B'kollox, il-Kummissjoni setgħet tivvaluta l-programmi ta' miżuri minn 17 (minn 22) Stat Membru kostali: Il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, l-Estonja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja. Id-dewmien u n-nuqqas ta' rapportar illimitaw il-kapaċità tal-Kummissjoni li twettaq valutazzjonijiet komprensivi tal-koerenza reġjonali.

Il-programmi ta' miżuri għall-ħames Stati Membri li jifdal (il-Bulgarija, il-Kroazja, id-Danimarka, il-Greċja u Malta) se jiġu ppubblikati fuq il-Pjattaforma WISE-Marine tal-EEA (European Environment Agency) ([18]). Il-Kummissjoni se tħejji wkoll valutazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, li se jiġu kondiviżi mal-Istati Membri direttament. Il-valutazzjoni tal-programmi tal-Istati Membri se tikkontribwixxi wkoll għar-Rapport ta' Monitoraġġ u Prospettiva ta' Tniġġis Żero tal-

([12]) Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869, ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024.
([13]) Ara l-Artikolu 13(9) tad-Direttiva 2008/56/KE.
([14]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni li jivvaluta l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, Brussell, 31.7.2018 COM(2018) 562 final.
([15]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri kif aġġornati skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE), SWD(2025) 1.
([16]) Ara What is the Triple Planetary Crisis? | UNFCCC.
([17]) Fil-ħin – il-Belġju, l-Italja, ir-Rumanija, l-Iżvezja, il-Finlandja; dewmien sa mhux aktar minn 6 xhur – in-Netherlands, il-Ġermanja, Franza, il-Polonja, Spanja; dewmien sa sena – l-Irlanda, il-Portugall, is-Slovenja, l-Estonja; sal-1 ta' Settembru 2023 – Ċipru, il-Litwanja, il-Latvja.
([18]) MSFD reports and assessments (europa.eu).

2024, ir-rieżami li għaddej tal-MSFD ([19]), u ħidma oħra biex jiġu implimentati l-istrateġiji tal-UE dwar il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

2. L-ISTAT TAL-IBĦRA FL-EWROPA

Madwar 40 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'żoni kostali. Għal dawn il-komunitajiet, l-ibħra u l-oċeani huma marbuta direttament mal-kultura, l-identità u s-sens ta' appartenenza tagħhom ([20]).

Deċennji ta' sajd eċċessiv, skariki ta' nutrijenti, kontaminanti u skart, traffiku marittimu intens u diversi forom oħra ta' pressjoni antropoġenika, flimkien mal-impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima, iddegradaw b'mod sever il-kundizzjoni tal-ekosistemi tal-baħar.

Dawn il-pressjonijiet dejjem akbar jipperikolaw il-benefiċċji mill-ibħra u l-oċeani tal-Ewropa li l-ġenerazzjonijiet futuri huma intitolati għalihom u se jkollhom bżonn għal ħajjithom, għall-għajxien u għall-ekonomiji tagħhom.

Fl-2018, l-Istati Membri wettqu l-ewwel valutazzjoni tal-istat tal-ilmijiet tal-baħar tagħhom skont l-MSFD, filwaqt li analizzaw il-punt sa fejn il-pressjonijiet mill-attivitajiet tal-bniedem qed ikollhom impatt fuq il-ħajja u l-ekosistemi tal-baħar u l-progress lejn il-kisba tal-GES ([21]). Dan flimkien ma' sorsi oħra ta' informazzjoni taw lill-Kummissjoni stampa komprensiva tal-istat tal-ambjent tal-baħar fl-2020, l-iskadenza għall-kisba tal-GES.

Minkejja t-titjib f'xi oqsma, il-konklużjoni mbagħad kienet ċara: Il-GES ma nkisbux fl-ilmijiet tal-baħar Ewropej kollha ([22]). Min-naħa pożittiva, madankollu, ix-xejriet dejjem akbar f'ċerti tipi ta' pressjonijiet madwar l-ibħra tal-Ewropa għadhom jistgħu jitreġġgħu lura. B'mod partikolari, dawn jistgħu jitreġġgħu lura bl-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi skont l-MSFD, li wħud minnhom jibnu fuq oqfsa legali u ta' politika oħra li ilhom jeżistu (eż. id-Direttiva dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-politika komuni tas-sajd).

Eżempju notevoli huwa t-tnaqqis stmat ta' 29 % tal-iskart fil-bajjiet bejn l-2015-2021 fil-baċiri tal-baħar kollha tal-UE ([23]), bi tnaqqis saħansitra aktar sinifikanti ta' 45 % fil-Baħar Baltiku. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-baċiri tal-baħar għad iridu jilħqu l-GES, din l-iskala ta' tnaqqis f'5 snin hija storja ta' suċċess, li turi li l-azzjoni konġunta taħdem. Hemm għadd ta' fatturi li jispjegaw dan ir-riżultat, inkluż appoġġ pubbliku qawwi ħafna għall-azzjoni, impenji politiċi ta' livell għoli biex titreġġa' lura x-xejra (eż. l-istrateġija dwar il-plastik tal-2018, il-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero tal-2021 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew) u bażi legali soda għall-awtoritajiet biex jieħdu azzjoni (flimkien

([19]) Ħarsien tal-ambjent tal-baħar – rieżami tar-regoli tal-UE.
([20]) Marine (europa.eu).
([21]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Avviż tal-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru u reġjun dwar l-aġġornament tar-rapporti tal-2018 tal-Artikoli, 8, 9 u 10 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE) 2022/C 118/01. Ara: EUR-Lex – 52022XC0314(01) – MT – EUR-Lex (europa.eu).
([22]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (id-Direttiva 2008/56/KE), COM/2020/259 final, EUR-Lex - 52020DC0259 - MT - EUR-Lex (europa.eu).
([23]) Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Grupp Tekniku tal-MSFD dwar l-Iskart fil-Baħar, Hanke, G., Walvoort, D., Ruiz-Orejón, L. F., van Loon, W. M. G. M., Giorgetti, A., Molina-Jack, M. E., Vinci, M., *European Coastline Litter Trends 2015–2021 – Methodology development and trend results for the Marine Strategy Framework Directive*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2024, JRC138907.

mal-MSFD, id-Direttiva tal-2019 dwar il-plastik li jintuża darba biss (SUP, Single Use Plastic) u d-Direttiva dwar il-faċilitajiet ta' lqugħ tal-iskart tal-2019). Il-valur miżjud tal-MSFD f'dan il-proċess huwa ċar:

- il-kampanji pubbliċi u politiċi biex tittieħed azzjoni kontra l-iskart u l-plastik użaw id-data tal-MSFD sabiex isostnu l-messaġġi tagħhom;
- l-istess data ntużat fil-valutazzjoni tal-impatt u fl-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss, u għenet biex titqajjem sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;
- minħabba li t-tnaqqis ta' 29 % seħħ saħansitra qabel ma d-Direttiva SUP kienet fis-seħħ, mill-inqas parti tista' tiġi attribwita għall-miżuri ppjanati bħala parti mill-ewwel ċiklu ta' implimentazzjoni tal-MSFD;
- it-tnaqqis ta' 29 % jista' jiġi vvalutat u kkomunikat b'mod ċar minħabba l-isforzi kollettivi tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE ([24]) u s-soċjetà ċivili biex jiġbru u jipproduċu data komparabbli u ta' kwalità għolja.

L-analiżi tat-tieni programmi ta' miżuri għall-iskart fil-baħar turi li l-Istati Membri qed jieħdu azzjoni ulterjuri biex jindirizzaw il-problema tal-iskart fil-bajjiet: dan għandu jappoġġja x-xejra pożittiva ta' tnaqqis kontinwu (ara t-Taqsima 3.1).

Għal suġġetti oħra, bħat-tniġġis tal-baħar jew it-telf tal-bijodiversità, il-progress lejn il-GES mill-2018 se jiġi vvalutat wara li l-Istati Membri jirrapportaw it-tielet valutazzjoni tagħhom tal-istat tal-ilmijiet tal-baħar f'Ottubru 2024. Sadanittant, il-valutazzjonijiet reġjonali prodotti mill-erba' Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali (RSCs, Regional Sea Conventions) - jiġifieri l-Konvenzjonijiet ta' Helsinki ([25]), OSPAR (Oslo-Pariġi) ([26]), ta' Barċellona ([27]) u ta' Bucharest ([28]) - jipprovdu ammont kbir ta' informazzjoni reċenti dwar l-istat tal-ibħra tal-UE.

- *Il-Baċir tal-Baħar Baltiku*

It-tielet valutazzjoni olistika tal-HELCOM ([29]) ippubblikata f'Ottubru 2023 tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-istat tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku mill-2016-2021. Dan juri li ftit li xejn kien hemm titjib matul dak il-perjodu, u jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri kkoordinati kontinwi u mtejba.

- Il-pressjonijiet tat-**tniġġis** għadhom f'livell għoli. L-ewtrofikazzjoni għadha problema kbira, li taffettwa livelli differenti tal-xibka alimentari u tikkontribwixxi għad-degradazzjoni tal-ekosistema. Hemm sinjali ta' titjib f'xi żoni, b'mod partikolari fis-sottobaċiri tal-Lbiċ, iżda kien hemm aktar deterjorament allarmanti fil-partijiet ċentrali tal-Baħar Baltiku. Il-pressjoni minn sustanzi perikolużi għadha għolja fil-biċċa l-kbira taż-żoni madwar ir-reġjun, b'konċentrazzjonijiet għoljin ta' ċerti kontaminanti ([30]) li jinstabu l-aktar fil-ħut u fil-molluski. Hemm indikazzjonijiet ta' xi titjib, u hemm tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi fl-annimali

([24]) Eż. l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA, European Environment Agency), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA, European Maritime Safety Agency), u n-Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODnet, European Marine Observation and Data Network).
([25]) Ara https://helcom.fi/.
([26]) Ara https://oap.ospar.org/en/.
([27]) Ara https://www.unep.org/unepmap/who-we-are/barcelona-convention-and-protocols?%2Ffr%2Fwho-we-are%2Fbarcelona-convention-and-protocols=.
([28]) Ara http://www.blacksea-commission.org/_convention.asp.
([29]) Ara State of the Baltic Sea 2023 – HELCOM.
([30]) Eteri tad-difenil polibromurat (PBDEs, Polybrominated diphenyl ethers), Tributillanda (TBT, Tributyltin), Merkurju u Ram.

f'għadd ta' oqsma. Għall-iskart fil-bajjiet, il-valuri fi 11 minn 16-il sottobaċir huma ogħla mill-valur limitu ta' 20 oġġett ta' skart għal kull 100 m ta' bajja ([31]) u għalhekk ma jinsabux fi status ambjentali tajjeb. Wieħed mill-fatturi ewlenin tal-istorbju taħt l-ilma huwa l-istorbju tal-bastimenti, meta jkun hemm varjazzjonijiet konsiderevoli fl-ispazju (il-korsiji tal-bastimenti huma l-aktar affettwati) u l-ħin (l-istorbju tal-bastimenti huwa aktar mifrux fix-xitwa milli fis-sajf).

- F'termini ta' **bijodiversità**, diversi speċijiet tal-baħar (inklużi mammiferi u għasafar) u ħabitats mhumiex fi stat tajjeb fil-Baħar Baltiku kollu u fil-livelli kollha tax-xibka alimentari. Tliet stokkijiet ta' ħut kummerċjali naqsu mill-aħħar valutazzjoni u wieħed biss tjieb. Madankollu, l-azzjoni dwar il-konservazzjoni tal-bijodiversità żdiedet u r-reġjun jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira globali li jipproteġi 30 % taż-żoni sal-2030.
- L-effetti tat-**tibdil fil-klima** diġà huma evidenti bit-tisħin previst li dalwaqt mistenni jwassal għal aktar impatti dannużi, filwaqt li jaċċellera l-ħtieġa urġenti li jittieħdu miżuri biex tinbena r-reżiljenza tal-ekosistema u sabiex jittaffew l-impatti negattivi.

Minkejja l-konklużjoni ġenerali li l-istat tal-Baħar Baltiku ma tjiebx, il-valutazzjoni turi li, meta jkunu mfassla tajjeb u implimentati b'mod effettiv, miżuri kkoordinati biex titnaqqas il-pressjoni jagħtu riżultati tanġibbli. Ir-rapport ta' progress dwar l-impenji meħuda taħt id-"Dikjarazzjoni tal-Baltiku Tagħna", ippubblikat għat-tieni konferenza "Il-Baltiku Tagħna" f'Settembru 2023 ([32]), jikkonferma li dawn huma passi fundamentali.

- *Il-Baċir tal-Baħar Mediterran*

F'Diċembru 2023, il-Konvenzjoni ta' Barċellona pproduċiet valutazzjoni komprensiva tal-istat tal-Baħar Mediterran ([33]) abbażi tad-data miġbura mill-aħħar rapport dwar l-istatus tal-kwalità fl-2017. Għalkemm ħafna suġġetti ma setgħux jiġu vvalutati minħabba d-disponibbiltà mhux uniformi tad-data, il-valutazzjonijiet tal-indikaturi disponibbli juru stampa mħallta.

- F'termini ta' **tniġġis**, b'mod partikolari l-kontaminanti u l-ewtrofikazzjoni, għalkemm ma hemm l-ebda messaġġ ċar applikabbli għall-Mediterran kollu, huma disponibbli riżultati dettaljati għal oqsma u indikaturi speċifiċi ta' valutazzjoni ([34]). 16 % biss tal-bajjiet Mediterranji mmonitorjati kisbu GES għall-iskart. Is-sottoreġjun tal-Eġew u tal-Lvant huwa l-aktar wieħed affettwat minn avvenimenti ta' tniġġis akut, b'mod partikolari t-tixrid taż-żejt, li jirrifletti l-fatt li huwa wieħed mill-aktar rotot marittimi Mediterranji traffikużi. Il-Baħar Mediterran kollu jidher li jinsab fil-GES f'termini ta' livelli ta' storbju impulsivi li jħallu impatt fuq iċ-ċetaċji magħżula, iżda mhux għal storbju kontinwu, b'mod partikolari fil-Punent tal-Mediterran u fil-Baħar Eġew u tal-Lvant.

([31]) EU Member States agree on threshold value to keep Europe's beaches clean - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).
([32]) https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/2e76afa1-5695-11ee-9220-01aa75ed71a1.
([33]) Ir-rapport tal-2023 dwar l-Istatus tal-Kwalità fil-Mediterran, it-23 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran u l-Protokolli tagħha, Portorož, is-Slovenja, 5-8 ta' Diċembru 2023, UNEP/MED IG.26/Inf.10.
([34]) Pereżempju, is-sottoreġjun tal-Baħar Adrijatiku jinsab fil-GES għan-nitroġenu, il-fosfru u l-klorofilla-a u 80 % tas-sottoreġjuni jinsabu fil-GES għall-metalli, l-Idrokarburi Aromatiċi Poliċikliċi (PAHs, Polycyclic Aromatic Hydrocarbons) u l-Poliklorobifenili (PCBs, Polychlorinated Biphenyls) fis-sedimenti.

- F'termini ta' **bijodiversità**, l-isfruttament żejjed tal-istokkijiet tal-ħut naqas b'mod inkoraġġanti matul l-aħħar deċennju, bl-azzjoni taċċellera matul l-aħħar sentejn, u laħqet l-aktar livell baxx tagħha mill-2003. Din ix-xejra hija konsistenti fis-sottoreġjuni kollha ([35]). Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet kummerċjali għadhom sfruttati żżejjed, u l-pressjoni tas-sajd għadha d-doppju tal-livell meqjus bħala sostenibbli. Il-qerda tal-ħabitats tibqa' waħda mill-aktar theddidiet mifruxa għall-istruttura u l-funzjonament tal-ekosistemi kostali tal-Mediterran. Sa fond ta' 1 000 m, l-aktar ħsara estensiva lill-ħabitats ta' qiegħ il-baħar hija kkawżata mis-sajd tal-qiegħ bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir u gangmi. Ħafna popolazzjonijiet ta' speċijiet ta' għasafar tal-baħar laħqu l-GES, b'xi eċċezzjonijiet. Il-biċċa l-kbira taċ-ċetaċji għadhom elenkati bħala mhedda b'mod sinifikanti fil-Valutazzjoni tal-Lista l-Ħamra tal-IUCN (International Union for Conservation of Nature), għalkemm l-istatus ta' speċijiet mifruxa bħad-denfil geddumu qasir u l-istenella tjieb minn nofs is-sena 2000.
- It-**tibdil fil-klima** huwa wieħed mill-aktar sfidi kritiċi li qed jiffaċċja r-reġjun tal-Mediterran. Matul dawn l-aħħar tliet deċennji, il-mewġiet ta' sħana tal-baħar ikkawżaw avvenimenti ta' mortalità tal-massa f'diversi speċijiet tal-baħar u telf kritiku għall-industrija tal-frott tal-baħar. Iż-żieda fit-temperatura tal-ilma baħar qed taċċellera t-tixrid ta' speċijiet mhux indiġeni. Il-bidliet idrografiċi jwasslu biex il-ħabitats tal-baħar Mediterran ikunu dejjem aktar fil-periklu, b'xi wħud f'riskju ta' estinzjoni totali. Iż-żoni tal-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant huma meqjusa aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima minħabba żieda fil-pressjoni kkawżata minn speċijiet invażivi, temperaturi ogħla tal-ilma u ċirkolazzjoni mnaqqsa tal-oċeani, li twassal għal livelli aktar baxxi ta' ossiġenu dissolt ([36]).

- *Il-Baċir tal-Atlantiku tal-Grigal*

Ir-rapport dwar l-istatus tal-kwalità, maħruġ f'Ġunju 2023 mill-OSPAR ([37]) u bbażat fuq data li tkopri l-perjodu 2009-2021, huwa l-aktar valutazzjoni awtorevoli tal-istat tal-Baħar tal-Atlantiku tal-Grigal kollu. Saru avvanzi sinifikanti biex jinftiehmu aħjar u jiġu limitati l-impatti negattivi tal-attività tal-bniedem. Minkejja xi titjib, ix-xejriet jindikaw li l-bijodiversità qed tonqos u l-ħabitats qed jiġu degradati f'ħafna partijiet taż-żona marittima OSPAR.

- It-**tniġġis** minn firxa wiesgħa ta' sustanzi perikolużi, nutrijenti eċċessivi (li jwasslu għall-ewtrofikazzjoni) u skart fil-baħar ma ġewx indirizzati bis-sħiħ. Ġie rreġistrat tnaqqis fl-iskariki ta' sustanzi perikolużi mis-settur taż-żejt u tal-gass u ta' sustanzi radjuattivi mis-settur nukleari. Il-konċentrazzjonijiet ta' ħafna mill-aktar sustanzi perikolużi serji (eż. PAHs u PCBs li joriġinaw minn run-offs, skariki industrijali u siti ta' bini qodma, u ċerti insettiċidi) naqsu sostanzjalment mis-snin 1980 u 1990. Madankollu, il-biċċa l-kbira tas-sottoreġjuni jinsabu fi stat fqir għal sustanzi perikolużi fl-ispeċijiet tal-baħar, ikkawżati prinċipalment mill-merkurju u mill-PCBs, filwaqt li s-sitwazzjoni hija kemxejn aħjar għat-tniġġis tas-sediment. Kien hemm tnaqqis sinifikanti fin-nutrijenti li jilħqu l-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari minn sorsi agrikoli, ilma mormi u sorsi industrijali u atmosferiċi. Madankollu, it-tniġġis jippersisti fil-pjanuri tax-xmajjar u f'xi żoni kostali. Ir-riżultati għall-iskart

([35]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Is-sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2025, Brussell, 7.6.2024, COM(2024) 235 final.

([36]) Bħal hawn fuq.

([37]) Ara https://oap.ospar.org/en/ospar-assessments/quality-status-reports/qsr-2023/.

fil-baħar huma mħallta b'mod simili: il-volum tal-iskart fil-baħar għadu għoli iżda naqas. Il-volum tal-iskart fil-bajjiet qed jonqos ukoll iżda l-iskart f'qiegħ il-baħar għadu mifrux, prinċipalment l-iskart mis-sajd u mill-materjali tal-plastik. It-tniġġis akustiku huwa tħassib dejjem akbar.

- Minkejja l-progress inkontestabbli fit-tnaqqis tas-sajd żejjed mill-2003 ([38]), l-impatti tas-sajd u tal-attivitajiet oħra tal-bniedem fuq il-**bijodiversità** għadhom inkwetanti ħafna. Il-valutazzjonijiet kollha tal-komponenti ewlenin (għasafar tal-baħar, mammiferi, ħut, ħabitats bentiċi u pelaġiċi) u x-xbieki alimentari juru tnaqqis fil-bijodiversità, minkejja l-progress li sar fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-pressjonijiet. B'mod partikolari, il-kundizzjoni tal-għasafar tal-baħar marret għall-agħar mill-aħħar valutazzjoni fl-2017.
- It-**tibdil fil-klima** u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani qed jixprunaw bidliet kbar li jipperikolaw ħafna tal-bijodiversità tal-Atlantiku tal-Grigal. Minħabba wkoll forom oħra kontinwi ta' pressjonijiet tal-bniedem, b'mod ġenerali, l-ekosistemi tal-baħar qed jitilfu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima.

Il-konklużjonijiet tar-Rapport dwar l-Istatus tal-Kwalità jagħmlu żewġ sejbiet ċari:

1) huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex tinbidel it-trajettorja attwali;
2) il-miżuri li ttieħdu s'issa jeħtieġ li jiġu implimentati b'mod aktar effettiv.

- *Il-Baċin tal-Baħar l-Iswed*

Ma hemm l-ebda valutazzjoni reġjonali disponibbli għall-Baħar l-Iswed iżda hemm xi data disponibbli, li tkopri prinċipalment il-perjodu 2016-2021, mill-proġett EMBLAS iffinanzjat mill-UE ([39]), issupplimentat minn analiżijiet imwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni.

- Dwar it-**tniġġis**, l-osservazzjonijiet jikkonfermaw li ż-żoni kollha tal-Baħar l-Iswed fihom skart fil-baħar, speċjalment skart tal-plastik u tal-mikroplastik. Id-data tindika li l-bajjiet tal-Baħar l-Iswed huma dawk l-aktar mormija fl-Ewropa u għandhom l-ogħla rata ta' plastik li jintuża darba biss (652 oġġett ta' skart għal kull 100 m). Il-baħar jibqa' kkontaminat b'metalli tqal, PAHs u ċerti pestiċidi u l-konċentrazzjoni tal-PFOS taqbeż il-limitu sikur. Tabilħaqq stħarriġ xjentifiku tal-2021 żvela li t-tniġġis kumulattiv tal-Baħar l-Iswed b'kontaminanti kimiċi kien madwar 3 sa 8 darbiet ogħla meta mqabbel mal-Baħar Mediterran u minn 2 sa 7 darbiet ogħla milli fl-Atlantiku tal-Grigal ([40]). Xi reġjuni kostali jidhru li huma fil-GES għall-ewtrofikazzjoni, iżda l-biċċa l-kbira tal-partijiet tal-ilma fond tal-Lvant Ċentrali ma kinux fil-GES fl-2019 minħabba l-proliferazzjoni tal-fitoplankton u l-konċentrazzjonijiet għoljin ta' sustanzi niġġiesa.
- Fir-rigward tal-**bijodiversità**, il-livelli tal-bijomassa ta' diversi speċijiet ta' ħut u frott tal-baħar bil-qoxra naqsu b'mod ċar bejn l-1995 u l-2021, xi wħud b'mod

([38]) "Fl-2003, il-medja tal-mortalità mis-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal kienet 53 % ogħla mill-mira tal-FMSY. L-aħħar valutazzjoni turi li r-rata ta' mortalità naqset progressivament u laħqet it-42 % taħt l-FMSY fl-2022" Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2025, bħal hawn fuq.

([39]) Slobodnik, J., Arabidze, M., Mgeladze, M., Korshenko, A., Mikaelyan, A., Komorin, V., Minicheva, G., 2020, EMBLAS Final Scientific Report– Joint Black Sea Surveys 2016-2019.

([40]) Stħarriġ xjentifiku tal-2021 tal-Baħar Atlantiku tal-Grigal, il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed bit-titolu "The Cruise of Three European Seas" imwettaq fil-qafas tal-proġett EU4EMBLAS bl-appoġġ tal-JRC (Joint Research Centre).

pjuttost drammatiku (eż. merluzz fiddieni, mazzola griża, inċova jew il-gasteropodu *Rapana venosa*). L-ilmijiet kostali u pjattaformi ġew ivvalutati bħala li jinsabu fil-GES għall-bijodiversità tal-fitoplankton, iżda l-ilmijiet miftuħa ma kinux. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ambjentali ddeterjoraw bejn l-2016 u l-2019 fir-riżerva tal-baħar "Zernov's Phyllophora Field", li hija l-akbar żona marina protetta tal-Baħar l-Iswed li tinsab fl-ilmijiet Ukreni. Stħarriġiet reċenti nnutaw ukoll il-possibbiltà li speċijiet invażivi jemigraw lejn il-Baħar l-Iswed ([41]).

- Dwar it-**tibdil fil-klima**, ix-xenarji juru żieda fit-temperatura tal-ilma u bidliet oħra li se jbiddlu t-trasport u t-tixrid ta' nutrijenti u sustanzi niġġiesa fil-Baħar l-Iswed ([42]) u jżidu l-akkumulazzjoni ta' sustanzi niġġiesa fil-baċir tal-Lvant ([43]).

L-effetti ambjentali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja lejn l-Ukrajna kellhom impatti estensivi u transfruntiera fuq il-Baħar l-Iswed. Dawn l-impatti jirriżultaw mill-minjieri u splussivi oħra, it-tixrid taż-żejt u l-emissjonijiet ta' sustanzi tossiċi, sustanzi niġġiesa, u plastik minħabba l-qerda tal-portijiet u tal-bastimenti, kif ukoll it-tniġġis li jinġarr mix-xmajjar fil-baħar. Għalkemm il-monitoraġġ fit-tul huwa diffiċli ħafna minħabba l-ostilitajiet li għaddejjin bħalissa, hemm evidenza ċara li dawn id-danni għandhom impatti negattivi fuq il-bijodiversità, il-ħabitats u l-ispeċijiet inklużi l-mammiferi tal-baħar u l-istokkijiet tal-ħut.

Il-ksur tad-diga ta' Kakhovka f'Ġunju 2023, b'mod partikolari, kellu konsegwenzi ambjentali bla preċedent għan-Nofsinhar tal-Ukrajna, li jestendu għar-reġjun akbar tal-Baħar l-Iswed. Is-sustanzi kimiċi niġġiesa kollha kienu f'konċentrazzjonijiet ferm ogħla fil-punti kollha ta' kampjunar wara l-qerda tad-diga fl-2023 meta mqabbla mal-2020. Barra minn hekk, iż-żieda ta' 2 000 darba fil-fitoplankton tal-alga kaħlanija-ħadra wasslet għall-mewt ta' 40 % ta' waħda mill-popolazzjonijiet ta' molluski tal-Baħar l-Iswed ([44]). Għalkemm l-irkupru diġà qed iseħħ, l-impatti fit-tul ta' dan it-tniġġis fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-ekosistema jeħtieġ li jiġu investigati aktar.

3. L-INDIRIZZAR TAL-KRIŻI PLANETARJA TRIPLA

Peress li l-ilmijiet tal-baħar fl-Unjoni Ewropea ma kisbux status ambjentali tajjeb (GES) fl-2020, l-Istati Membri kienu mistennija li jaġġornaw l-ewwel programmi ta' miżuri tal-MSFD tagħhom biex ikomplu jindirizzaw il-pressjonijiet u jiksbu l-GES malajr kemm jista' jkun.

Fl-aġġornament tagħhom, is-17-il Stati Membri vvalutati rrapportaw 2 046 miżura li jkopru r-reġjuni tal-baħar, id-deskritturi u l-pressjonijiet kollha ([45]). Minn dawn, terz biss

([41]) L-istħarriġ xjentifiku tal-2021 fil-Baħar Atlantiku tal-Grigal, il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

([42]) Miladinova, Svetla, et al., 2020, "Seasonal and Inter-Annual Variability of the Phytoplankton Dynamics in the Black Sea Inner Basin" Oceans 1, Nru 4: 251-273. https://doi.org/10.3390/oceans1040018; Macias, D., et al., 2022, Water/marine zero pollution outlook: a forward-looking, model-based analysis of water pollution in the EU. Il-Lussemburgu. https://doi.org/10.2760/681817.

([43]) Miladinova, S., et. al., E. 2020 "Identifying distribution and accumulation patterns of floating marine debris in the Black Sea", Marine Pollution Bulletin, 153, 110964, doi:10.1016/j.marpolbul.2020.110964; Macias, D., et al., 2022. bħal hawn fuq.

([44]) Il-konsegwenzi tal-isplużjoni tal-imbankment tal-impjant idroelettriku ta' Kakhovka għall-Baħar l-Iswed: data ġdida – proġett EMBLAS

([45]) Għal analiżi fil-fond tal-informazzjoni dwar il-programmi aġġornati ta' miżuri li ġiet irrapportata elettronikament mis-17 -il Stat Membru, ara: Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka: Louropoulou, E., Alonso Aller, E., Cardoso, A.C., Carravieri, A., Druon, J., Magliozzi, C., Martini, E.,

huma miżuri ġodda inklużi speċifikament f'dan it-tieni aġġornament, il-maġġoranza l-kbira sempliċiment jestendu l-miżuri rrapportati qabel, b'xi modifiki. Peress li l-GES ma nkisibx sal-2020, setgħu kienu mistennija aktar miżuri ġodda.

Kważi nofs il-miżuri rrapportati huma mfassla biex jiksbu jew iżommu l-GES speċifikament skont l-MSFD. Din hija żieda sostanzjali mill-ewwel programmi ta' miżuri, fejn kwart biss tal-miżuri kienu "speċifiċi għall-MSFD" ([46]). Il-miżuri li jifdal jirriżultaw minn rekwiżiti skont partijiet oħra tad-dritt tal-UE, RSCs, ftehimiet internazzjonali jew leġiżlazzjoni nazzjonali.

Fit-tieni programmi ta' miżuri, kważi 50 % tal-miżuri huma mfassla biex *direttament* jipprevjenu pressjonijiet ulterjuri, inaqqsu l-pressjonijiet eżistenti jew jirrestawraw l-ispeċijiet jew il-ħabitats. Aktar minn 35 % tal-miżuri huma mfassla biex *indirettament* jikkontribwixxu għal dawk l-objettivi (eż. permezz ta' mekkaniżmi ta' governanza, inċentivi finanzjarji jew kampanji ta' sensibilizzazzjoni). Il-miżuri marbuta mat-titjib tal-għarfien jammontaw għal madwar 15 % tat-total.


Il-miżuri rrapportati jkopru t-tipi differenti kollha ta' pressjonijiet rilevanti għall-ambjent tal-baħar tal-UE ([47]). L-iskart u l-kontaminanti huma l-aktar ta' spiss pressjonijiet indirizzati, li kull wieħed minnhom huwa suġġett ta' kważi 30 % tal-miżuri. Aktar minn 20 % tal-miżuri jindirizzaw id-disturb u l-estrazzjoni tal-ispeċijiet u l-ewtrofikazzjoni. Aktar minn 10 % jindirizzaw l-istorbju, id-disturb f'qiegħ il-baħar u l-ispeċijiet mhux indiġeni u inqas minn 10 % tal-miżuri jindirizzaw forom oħra ta' enerġija, effetti avversi fuq l-ispeċijiet u l-ħabitats u bidliet idrografiċi (Illustrazzjoni 1).

Mendes, C., Palma, M., Piroddi, C., Ruiz-Orejón, L.F., Zupan, M. u Hanke, G., Programmes of Measures under the Marine Strategy Framework Directive to achieve or maintain Good Environmental Status, Publications Office of the European Union, Luxembourg, 2024, JRC139180.

([46]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, Brussell, 31.7.2018 COM(2018) 562 final.

([47]) Il-miżuri jkopru wkoll id-deskritturi kollha tal-Istatus Ambjentali Tajjeb tal-Anness I tal-MSFD. Aktar minn 30 % tal-miżuri huma relatati mal-bijodiversità (Deskrittur 1), 28 % mal-integrità ta' qiegħ il-baħar (Deskrittur 6), 24 % mal-kontaminanti (Deskrittur 8) u 22 % mal-iskart fil-baħar (Deskrittur 10). Id-deskritturi l-inqas spiss assoċjati mal-miżuri huma kundizzjonijiet idrografiċi (Deskrittur 7 – 8 %), kontaminanti fil-frott tal-baħar (Deskrittur 9 – 9 %), speċijiet mhux indiġeni (Deskrittur 2) u storbju taħt l-ilma (Deskrittur 11) b'10 % kull wieħed. Id-deskritturi tal-bijodiversità (1-4-6) huma koperti l-aħjar minħabba li kwalunkwe miżura meħuda biex titnaqqas ċerta kategorija ta' pressjoni, pereżempju l-ewtrofikazzjoni jew il-kontaminanti, se jkollha wkoll impatt fuq l-istat tal-bijodiversità tal-baħar.

Illustrazzjoni 1. Sehem ta' miżuri fit-tieni programmi ta' miżuri li jindirizzaw il-pressjonijiet fuq l-ekosistemi tal-baħar



Madankollu, din l-analiżi statistika ma tagħtix għarfien dwar kemm huma effettivi l-miżuri proposti. Minkejja ħafna miżuri li qed jittieħdu biex tiġi indirizzata l-kontaminazzjoni kimika u tan-nutrijenti, l-azzjoni tal-Istati Membri għadha mhijiex biżżejjed għal dak li huwa meħtieġ biex jitnaqqas b'mod sostanzjali t-tniġġis u fl-aħħar mill-aħħar sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb.

3.1 LEJN TNIĠĠIS ŻERO FL-IBĦRA U FL-OĊEANI

It-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma huwa dimensjoni ewlenija tal-Patt Ekoloġiku tal-UE u tal-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero. It-tniġġis huwa wieħed mill-ħames theddidiet ewlenin għall-bijodiversità ([48]).

Abbażi tad-data rrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8 tal-MSFD fl-2018 ([49]), 80 % taż-żona tal-baħar tal-UE naqset milli tissodisfa l-GES għall-kontaminazzjoni minn sustanzi li jinsabu kullimkien, persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi, bħall-merkurju. 87 % ma rnexxilhomx jiksbu GES għall-ewtrofikazzjoni, 90 % għall-iskart u 97 % għall-istorbju kontinwu taħt l-ilma.


Matul dawn l-aħħar ftit snin, il-Kummissjoni ressqet diversi proposti biex tindirizza t-tniġġis tal-ilma, l-aktar reċentement sabiex tirrevedi d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u biex taġġorna l-lista ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-adozzjoni fl-2020 u

([48]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni, L-ewwel monitoraġġ u prospettiva dwar it-"tniġġis żero", "Perkorsi lejn arja, ilma u ħamrija aktar nodfa", COM(2022) 674 final, Brussell, 8.12.2022.
([49]) WISE Marine: https://water.europa.eu/marine.

fl-2022 tal-valuri ta' limitu skont l-MSFD għall-iskart ([50]) u l-istorbju ([51]) huwa wkoll pass importanti lejn ġestjoni aħjar tat-tniġġis tal-oċeani.

Din it-taqsima tkopri l-erba' kategoriji ewlenin ta' tniġġis li jaffettwaw l-ambjent tal-baħar: l-iskart fil-baħar (Deskrittur 10), l-ewtrofikazzjoni (Deskrittur 5), il-kontaminanti perikolużi (Deskritturi 8 u 9) u l-istorbju taħt l-ilma (Deskrittur 11).

Illustrazzjoni 2. L-adegwatezza tat-tieni programmi ta' miżuri tal-Istati Membri biex jiġi indirizzat it-tniġġis



Bħala medja, il-miżuri tal-Istati Membri jindirizzaw biss parzjalment il-kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati biex jitnaqqas it-tniġġis (Illustrazzjoni 2). Filwaqt li l-miżuri stabbiliti biex jitnaqqas l-iskart fil-baħar sejrin fid-direzzjoni t-tajba, il-miżuri sabiex jiġu indirizzati l-ewtrofikazzjoni, il-kontaminazzjoni kimika u l-istorbju taħt l-ilma għadhom insuffiċjenti.

Skart fil-baħar (Deskrittur 10)

B'mod ġenerali, il-kwalità tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-iskart fil-baħar tjiebet bejn iż-żewġ ċikli.

Analiżi tikkonferma x-xejra pożittiva li dehret matul dawn l-aħħar ftit snin dwar l-azzjoni biex jiġi indirizzat l-iskart fil-baħar. 22 % tal-miżuri kollha rrapportati mill-Istati Membri huma relatati mad-Deskrittur 10 – skart fil-baħar – u kwart huma addizzjonali għall-obbligi legali eżistenti.

Il-miżuri jkopru s-sorsi ewlenin tal-input tal-iskart, li jibdew b'attivitajiet relatati mad-drenaġġ minn żoni urbani u sorsi oħra bbażati fuq l-art (eż. l-industrija u l-agrikoltura). L-input tax-xmajjar huwa identifikat ukoll bħala wieħed mis-sorsi ewlenin tat-tniġġis. Il-miżuri jkopru wkoll sorsi bbażati fuq il-baħar. Diversi miżuri jindirizzaw direttament l-iskart mis-sajd (inklużi x-xbieki fantażma), inklużi azzjonijiet ta' tindif u azzjonijiet għall-prevenzjoni ta' aktar input (abbażi tar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-faċilitajiet ta'

([50]) EU Member States agree on threshold value to keep Europe's beaches clean - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).
([51]) Zero pollution and Biodiversity:First ever EU-wide limits for underwater noise - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

lqugħ tal-iskart u d-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss). It-tbaħħir, l-attivitajiet rikreattivi u t-turiżmu huma wkoll sorsi ewlenin ta' skart, u l-akkwakultura sa ċertu punt. L-iskart mit-trasport marittimu huwa indirizzat prinċipalment minn inizjattivi relatati mal-OMI, il-MARPOL u d-Direttiva dwar il-faċilitajiet ta' lqugħ tal-iskart.

Ftit Stati Membri biss identifikaw hotspots tat-tniġġis tal-baħar, minkejja r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel dan fil-valutazzjoni tagħha tal-2018 ([52]). Għad hemm lakuni fl-indirizzar tal-mikroskart, l-iskart f'qiegħ il-baħar u fil-kolonna tal-ilma u l-impatti fuq il-ħajja tal-baħar. Għalkemm l-Istati Membri tal-Mediterran għandhom miri ċari relatati mal-impatti tal-iskart fuq il-fkieren *Caretta caretta*, l-ebda wieħed minnhom għadu ma rrapporta miżuri biex jindirizza l-problema direttament. Kważi l-Istati Membri kollha jirrikonoxxu l-valur tal-kooperazzjoni reġjonali u l-ħidma li saret fil-kuntest tal-RSCs.

Eżempji tajbin

Xi Stati Membri ħadu miżuri speċifiċi biex jindirizzaw il-mikroskart, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi ta' konteniment, impjanti ta' purifikazzjoni jew it-trattament tal-ilma tal-maltemp u tal-ilma mormi mmirati speċifikament lejn il-mikroskart u l-mikroplastiċi.

Ewtrofikazzjoni u kontaminanti (Deskritturi 5, 8 u 9)

B'mod ġenerali, sar progress fl-iżvilupp ta' miżuri biex ikompli jitnaqqas it-tniġġis kemm organiku kif ukoll kimiku, iżda hija meħtieġa aktar azzjoni.

L-azzjoni għall-ġlieda kontra l-ewtrofikazzjoni u l-kontaminazzjoni minn sustanzi perikolużi għadha insuffiċjenti ([53]). L-Istati Membri inkludew ħafna miżuri relatati mad-Deskrittur 8 – kontaminanti (24 %), id-Deskrittur 5 – ewtrofikazzjoni (18 %) u, sa ċertu punt, id-Deskrittur 9 – kontaminanti fil-frott tal-baħar (9 %). Dawn spiss jorbtu dawn il-miżuri mal-RBMPs aġġornati, għalkemm jagħmlu valutazzjoni limitata tal-effettività tagħhom fil-kisba tal-GES.

Hemm inqas azzjoni konsistenti ppjanata biex jiġi indirizzat it-tniġġis mill-emissjonijiet fl-arja, minkejja għadd kbir ta' leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja u l-emissjonijiet, b'mod partikolari skont id-dritt tal-UE li jirregola s-setturi tal-enerġija, tal-industrija u tat-trasport, id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent u d-Direttiva dwar l-Impenji Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet. Madankollu, l-Istati Membri inkludew miżuri biex jirregolaw aktar il-kontaminazzjoni mit-tbaħħir marbuta mal-implimentazzjoni tal-ftehimiet MARPOL jew tal-OMI (eż. antifouling li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kontrolli tal-emissjonijiet, kunċetti ta' bastimenti aktar nodfa), b'impatti pożittivi mistennija, b'mod partikolari f'żoni lil hinn mill-kosta.

L-Istati Membri għadhom isibuha diffiċli biex jindirizzaw it-tniġġis minn sustanzi emerġenti (eż. farmaċewtiċi) u biex jirrimedjaw l-impatti ta' legat minn kontaminanti persistenti (eż. il-merkurju). Madankollu, hemm prattiki tajbin biex tiġi indirizzata l-kontaminazzjoni minn sorsi bbażati fuq il-baħar (eż. il-ġestjoni ta' kontaminanti minn strutturi mfarrka, l-eliminazzjoni gradwali tal-użu taċ-ċomb fl-irkaptu tas-sajd, it-traċċar

([52]) Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument*Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina*, Brussell, SWD(2018) 393 final, 31.7.2018, p. 33.
([53]) Bħala medja, il-miżuri għad-Deskritturi 5, 8 u 9 huma meqjusa bħala moderatament adegwati.

u l-irkupru ta' kontenituri mitlufa) u l-ewtrofikazzjoni (eż. bl-użu ta' demel riċiklat fil-produzzjoni tal-bijogass). Fl-aħħar nett, peress li r-regoli tal-UE dwar il-livelli massimi ta' kontaminanti fil-prodotti tal-ikel ġew aġġornati fl-2023 biex ikopru firxa usa' ta' metalli tqal u sustanzi organiċi persistenti ([54]), il-kisba ta' GES għall-kontaminazzjoni fil-frott tal-baħar x'aktarx li fil-futur teħtieġ miżuri addizzjonali.

Eżempji tajbin

Ħabitats tal-baħar f'saħħithom jista' jkollhom rwol kruċjali fit-tnaqqis tal-effetti avversi tal-ewtrofikazzjoni. Xi Stati Membri qed jużaw dejjem aktar miżuri ta' restawr ibbażati fuq in-natura għall-ħabitats bħall-qigħan tal-molluski blu, l-alka tal-qiegħ u l-bwar salmastri biex jindirizzaw l-ewtrofikazzjoni.

Storbju taħt l-ilma (Deskrittur 11)

B'mod ġenerali, il-miżuri tal-Istati Membri biex inaqqsu l-istorbju taħt l-ilma tjiebu, iżda għadhom iffokati fuq il-ġbir tal-għarfien aktar milli fuq it-tnaqqis tal-pressjonijiet.

Minħabba n-nuqqas ta' oqfsa legali li jkopru l-istorbju taħt l-ilma, l-MSFD iġġenerat ħafna miżuri ġodda biex tindirizza din il-forma ta' pressjoni iżda għadhom insuffiċjenti biex jintlaħqu l-GES u l-miri stabbiliti ([55]), kemm fil-kwantità (10 % biss tal-miżuri kollha) kif ukoll fil-kwalità.

Meta mqabbla mal-ewwel programmi, il-miżuri jagħtu kopertura aħjar tas-sorsi u t-tipi ta' pressjoni, iżda jibqgħu fil-biċċa l-kbira ffukati fuq il-ġbir tal-għarfien aktar milli fuq li jkollhom impatt dirett fuq it-tnaqqis tal-pressjoni.

Biex itejbu l-għarfien tagħhom dwar l-istorbju taħt l-ilma, l-Istati Membri prinċipalment jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq oqfsa fil-livell reġjonali u fuq proġetti ffinanzjati mill-UE. Ftit Stati Membri biss fasslu miżuri speċifiċi bbażati fuq l-eżiti ta' dawn il-proġetti, bħall-istabbiliment ta' limiti tal-veloċità qrib żoni sensittivi jew matul żminijiet sensittivi. L-aktar miżuri mmirati jindirizzaw il-kostruzzjoni tal-infrastruttura lil hinn mill-kosta u kostali, jew billi jillimitaw il-livelli tal-istorbju jew billi jinkludu l-istorbju taħt l-ilma fl-istudji tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. L-istabbiliment ta' valuri ta' limitu għal-livelli massimi ta' storbju impulsiv u kontinwu f'Ottubru 2022 għandu jappoġġja t-tfassil ta' aktar miżuri u miżuri aħjar fiċ-ċiklu li jmiss.

Forom oħra ta' enerġija (eż. elettromanjetika, dawl u sħana) għadhom mhumiex indirizzati tajjeb, ħlief għal ftit miżuri ad hoc li jeżaminaw l-effetti potenzjali tal-kampi elettromanjetiċi fuq ħabitats vulnerabbli jew il-monitoraġġ tat-tniġġis tad-dawl.

Eżempju tajjeb

Stat Membru wieħed jottimizza r-rotot ta' avviċinament tat-tbaħħir matul il-kostruzzjoni jew il-manutenzjoni ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta jew infrastruttura oħra lil hinn mill-kosta biex jiġu evitati livelli għoljin ta' storbju kontinwu f'żoni vulnerabbli li jiffunzjonaw bħala hotspots tal-bijodiversità.

([54]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.
([55]) Bħala medja, il-miżuri għad-Deskrittur 11 jitqiesu li għandhom livell moderat ta' adegwatezza.

3.2 INĠIBU N-NATURA TAL-BAĦAR LURA F'ĦAJJITNA

L-ibħra tal-Ewropa jospitaw firxa wiesgħa u diversa ħafna ta' ekosistemi kostali u tal-baħar b'varjetà kbira ta' ħabitats u speċijiet ([56]). Jekk ikunu f'kundizzjoni tajba, huma jipprovdu lis-soċjetajiet tagħna b'servizzi vitali, inklużi l-ikel, l-enerġija, l-arja nadifa u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ([57]). Il-pressjonijiet li għandhom impatt fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar idgħajfu l-kapaċità tal-pjaneta li tiffunzjona b'mod tajjeb għas-saħħa u li tipprovdi s-servizzi essenzjali li niddependu fuqhom għas-sopravivenza u l-prosperità. Hekk kif jiżdiedu d-domandi fuq l-oċean, l-iżgurar tad-disponibbiltà kontinwa ta' dawn is-servizzi jsir saħansitra aktar kruċjali.

L-UE żiedet l-impenn tagħha li tipproteġi l-bijodiversità tal-baħar. L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 ([58]) tirrikjedi li 30 % tal-ibħra tagħna jiġu protetti legalment u b'mod effettiv, terz minnhom taħt protezzjoni stretta. Permezz tal-Missjoni tagħha "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030" ([59]), l-UE qed timmira li ġġib soluzzjonijiet konkreti għall-isfidi li jiffaċċjaw l-ibħra u l-oċeani tagħna llum, billi tpoġġi r-riċerka u l-innovazzjoni fi rwol ġdid, flimkien ma' forom ġodda ta' governanza u kollaborazzjoni, kif ukoll billi tinvolvi liċ-ċittadini. Fil-livell globali, dawn l-impenji huma riflessi bl-adozzjoni ta' żewġ ftehimiet storiċi: il-Qafas Globali tal-Bijodiversità tal-2022 fil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika COP 15 ([60]) u t-Trattat tal-2023 dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali (it-Trattat BBNJ) ([61]).

L-adozzjoni fil-2023 tal-pjan ta' azzjoni tal-baħar ([62]) tikkontribwixxi wkoll għall-ħidma biex jintlaħqu dawn l-objettivi billi tappella lill-Istati Membri sabiex jieħdu azzjoni biex jirrikonċiljaw is-sajd mal-objettivi tal-protezzjoni ambjentali, b'mod partikolari billi jtejbu s-selettività tal-irkaptu, jindirizzaw il-qabda aċċessorja ta' speċijiet sensittivi, jipproteġu qiegħ il-baħar u jieħdu azzjoni biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni u l-iskambju tal-għarfien.

Il-valuri ta' limitu stabbiliti skont l-MSFD fl-2023 għat-telf u l-ħsara ta' qiegħ il-baħar ([63]) huma wkoll pass importanti lejn ġestjoni aħjar tar-riżorsi naturali tal-oċeani.

Madankollu, il-GES għadha 'l bogħod milli jinkiseb għad-deskritturi tal-bijodiversità. Pereżempju, 3 % biss taċ-ċetaċji (bħad-dniefel u d-denfil iswed), 15 % biss tal-balieni u tal-ħabitats ta' qiegħ il-baħar u 29 % biss tal-għasafar li jieklu mill-ilmijiet tal-baħar Ewropej ġew ivvalutati mill-Istati Membri bħala li jinsabu fil-GES fil-bidu tat-tieni ċiklu ta' implimentazzjoni tad-Direttiva.

([56]) State of Europe's seas – L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu).

([57]) Europe's marine biodiversity remains under pressure – L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu).

([58]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM(2020) 380 final

([59]) https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/eu-missions-horizon-europe/restore-our-ocean-and-waters_mt

([60])Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (cbd.int).

([61]) Il-Konferenza Intergovernattiva dwar il-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali | (un.org).

([62]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti, COM(2023) 102 final


([63])EU Green Week: first ever EU-wide criteria for seabed protection - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

Din it-taqsima tkopri l-miżuri meħuda biex jiġu protetti l-ispeċijiet, il-ħabitats u x-xbieki alimentari kontra forom ta' pressjoni mhux ta' tniġġis bħal disturb, estrazzjoni u speċijiet mhux indiġeni. Hija marbuta mad-Deskritturi 1 (bijodiversità), 2 (speċijiet mhux indiġeni), 3 (ħut kummerċjali u frott tal-baħar bil-qoxra), 4 (xbieki alimentaril), 6 (integrità ta' qiegħ il-baħar) u 7 (kundizzjonijiet idrografiċi).

B'mod ġenerali, il-progress fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi tal-MSFD għall-protezzjoni u għar-restawr tal-bijodiversità kien pjuttost limitat mill-ewwel programmi ta' miżuri (Illustrazzjoni 3). Madankollu, il-miżuri meħuda għall-protezzjoni ta' qiegħ il-baħar tjiebu, prinċipalment billi ġie indirizzat aħjar is-sajd mobbli b'kuntatt mal-qiegħ, u nkiseb ukoll progress fl-indirizzar ta' speċijiet mhux indiġeni u ta' bidliet fil-kundizzjonijiet idrografiċi.

In-nuqqas ta' analiżi komprensiva tal-lakuni llimita l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-miżuri tal-bijodiversità. Analiżijiet b'saħħithom tal-lakuni jagħtu fehim aħjar ta' kif il-miżuri eżistenti jikkontribwixxu għall-kisba tal-GES u liema miżuri addizzjonali huma meħtieġa.

Illustrazzjoni 3. L-adegwatezza tat-tieni programmi ta' miżuri tal-Istati Membri biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' bijodiversità



Miżuri ġenerali għall-bijodiversità (Deskritturi 1, 4 u 6)

B'mod ġenerali, sar biss progress limitat fil-miżuri għall-bijodiversità.

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri, jekk mhux kollha, x'aktarx li jkollhom effett fuq l-istat tal-bijodiversità tal-baħar, u huwa għalhekk li d-deskritturi tal-bijodiversità huma ġeneralment koperti tajjeb mill-programmi ta' miżuri ([64]). Il-miżuri biex jitnaqqsu l-pressjonijiet ([65]) se jkollhom effetti pożittivi diretti fuq l-ispeċijiet u l-ħabitats u indirettament fuq l-ekosistema kollha u x-xbieki alimentari. Jistgħu jittieħdu miżuri addizzjonali speċifikament għall-fini tal-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità.

([64]) 31 % tal-miżuri kollha huma marbuta mad-Deskrittur 1 – il-bijodiversità, li huwa l-ogħla sehem fost id-deskritturi kollha; 28 % huma marbuta mad-Deskrittur 6 – l-integrità ta' qiegħ il-baħar, u 19 % mad-Deskrittur 4 – xbieki alimentari.
([65]) Bħal dawk imfassla għall-fini tad-deskritturi tal-pressjoni tal-MSFD.

L-aktar miżura komuni hija li jiġu mfassla żoni marini protetti (MPAs, marine protected areas), jew biex jiġu protetti ħabitats u speċijiet speċifiċi (spiss skont ir-reġim tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats) jew biex jiġu restawrati ċerti funzjonijiet tal-ekosistema (eż. l-integrità ta' qiegħ il-baħar, is-saħħa tax-xibka alimentari). L-għan tal-MPAs spiss huwa li jitnaqqsu l-livelli ta' tniġġis, estrazzjoni jew disturb billi jiġu rregolati l-attivitajiet li għandhom impatt negattiv fuq l-ispeċijiet u l-ħabitats. Dawn jistgħu jinkludu attivitajiet turistiċi (dgħajjes rikreattivi u sport akkwatiku), sajd, b'mod partikolari b'irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ u attivitajiet li jniġġsu kemm fiż-żona tal-madwar kif ukoll fiha. L-MPAs jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-pressjonijiet, skont id-daqs tagħhom, il-grad ta' restrizzjonijiet fuq l-attività tal-bniedem u fuq jekk hemmx fis-seħħ miżuri ta' ġestjoni effettivi.

L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri spiss ikun fiha ftit dettall dwar it-tip ta' miżuri ta' ġestjoni u d-daqs u l-post tal-MPAs, li jagħmilha diffiċli li jiġi aċċertat kif dawn jikkontribwixxu għall-miri tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità.

Eżempju tajjeb

Bħalissa, l-MPAs ikopru biss 12 % tal-ilmijiet Ewropej; dawn ivarjaw minn "MPAs b'użu multiplu", fejn il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tal-bniedem huma permessi u l-livell ta' protezzjoni effettiva huwa baxx, għal MPAs "strettament protetti" li jippermettu ftit ħafna, jekk ikun hemm, attivitajiet tal-bniedem. Meta jkun ippjanat restawr attiv tal-ħabitats bħar-rikostruzzjoni tal-iskollijiet jew l-irkupru ta' qigħan tal-gajdri, l-Istati Membri jirrestrinġu jew saħansitra jipprojbixxu wkoll attivitajiet tal-bniedem li jkunu ta' ħsara għal dawn il-ħabitats.

Miżuri għall-ispeċijiet, inklużi l-ispeċijiet kummerċjali (Deskritturi 1 u 3)

B'mod ġenerali, sar biss progress limitat fil-miżuri ppjanati biex jiġu indirizzati l-ispeċijiet, inklużi l-ispeċijiet tal-ħut kummerċjali u tal-frott tal-baħar bil-qoxra.

Il-miżuri speċifiċi għall-ispeċijiet għandhom it-tendenza li jiffukaw fuq il-ħut, il-mammiferi tal-baħar u l-għasafar tal-baħar, filwaqt li l-miżuri għaċ-ċefalopodi (eż. qarnit u klamari), ir-rettili tal-baħar (eż. fkieren) u l-ispeċijiet pelaġiċi (eż. plankton) huma aktar rari. L-attività rrapportata mill-Istati Membri bħala li tikkawża l-aktar pressjoni fuq l-ispeċijiet tal-baħar, speċjalment minn qabda aċċessorja ta' għasafar tal-baħar u mammiferi, hija s-sajd kummerċjali. Il-miżuri biex titnaqqas il-qabda aċċessorja jiffukaw fuq l-adattament tal-irkaptu tas-sajd, it-taħriġ tas-sajjieda biex itejbu r-reġistrazzjoni u l-evitar ta' qabdiet aċċessorji, u aktar monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd. Dawn il-miżuri tipikament jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi ([66]), li jappoġġja l-objettiv tal-MSFD f'termini ta' protezzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats. Xi Stati Membri jirregolaw ukoll il-qabda aċċessorja ġewwa l-MPAs billi jagħmlu użu mill-kamp ta' applikazzjoni bħala parti mill-politika komuni tas-sajd biex jipproponu rakkomandazzjonijiet konġunti mal-pajjiżi ġirien gal miżuri tas-sajd spazjali ([67]).

Il-miżuri għall-fkieren huma rari, ħlief għal ftit miżuri diretti li jinvolvu t-taħriġ tas-sajjieda biex jiġu evitati l-qabda aċċessorja u r-riskju ta' kolliżjoni tal-bastimenti. Il-

([66]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 dwar il-Miżuri Tekniċi dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi.
([67]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, l-Artikolu 11 dwar "Miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' konformità ma' obbligi taħt il-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni".

miżuri għaċ-ċefalopodi ma jeżistux; dawn huma komunement miġbura flimkien ma' speċijiet ta' ħut.

Ħut kummerċjali u mhux kummerċjali u frott tal-baħar bil-qoxra huma koperti minn miżuri biex titnaqqas il-pressjoni tas-sajd. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri huma marbuta mal-PKS biex jiġi żgurat li l-popolazzjonijiet jinqabdu f'livelli li huma sostenibbli fit-tul. Xi Stati Membri jkopru wkoll l-istokkijiet lokali/qrib il-kosta ġestiti fil-livell nazzjonali. Sa ċertu punt, dawn ikopru s-sajd rikreattiv, iżda mhux biżżejjed. Nofs l-Istati Membri rrapportaw ukoll miżuri biex jindirizzaw ir-rekwiżit għal distribuzzjoni tal-popolazzjoni fuq il-bażi tal-età u tad-daqs li tindika stokk b'saħħtu ([68]), pereżempju billi jnaqqsu l-qbid ta' ħut li għadu qed jikber jew jaġġornaw ir-regolamenti dwar id-daqsijiet tal-malji. L-ostakli fil-kurituri migratorji tal-ħut huma rrapportati wkoll bħala theddidiet kbar għas-saħħa tal-popolazzjonijiet tal-ħut.

Eżempju tajjeb

Pajjiż wieħed ħa miżura biex inaqqas l-imblokki għas-sajd fil-kurituri migratorji bl-użu tal-monitoraġġ akustiku, it-tneħħija tal-ostakli qodma jew il-ftuħ mill-ġdid tal-perkorsi migratorji u l-istimulazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ħut fiż-żoni estwarji/kostali.

Miżuri għall-ħabitats (Deskritturi 1 u 6)

B'mod ġenerali, sar xi progress b'rabta mal-miżuri għall-ħabitats ta' qiegħ il-baħar, b'mod partikolari billi tnaqqset il-ħsara lil qiegħ il-baħar ikkawżata minn metodi ta' sajd mobbli b'kuntatt mal-qiegħ, iżda l-azzjoni fuq il-ħabitats tal-kolonna tal-ilma għadha ma ġietx meqjusa.

Min-natura tagħhom, il-forom kollha ta' pressjonijiet bijoloġiċi, fiżiċi u ta' input ta' sustanzi għandhom impatt fuq il-ħabitats ta' qiegħ il-baħar u l-integrità ta' qiegħ il-baħar, kemm direttament kif ukoll indirettament. Minbarra l-miżuri kollha meħuda taħt deskritturi oħra, l-Istati Membri ħadu miżuri ffukati b'mod ċar fuq il-preservazzjoni fiżika ta' qiegħ il-baħar, inkluż it-tnaqqis tal-pressjoni mill-attivitajiet tal-bniedem fuq il-ħabitats ta' qiegħ il-baħar, id-dežinjazzjoni ta' MPAs iffukati fuq qiegħ il-baħar u r-restawr attiv tal-ħabitats u tal-komunitajiet bijoloġiċi assoċjati magħhom (eż. ir-restawr tal-iskollijiet tal-gajdri u l-mergħat tal-Posidonia u t-tħawwil ta' *Zostera* fil-qigħan).

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri identifikaw is-sajd mobbli b'kuntatt mal-qiegħ bħala t-theddida ewlenija għas-saħħa tal-ħabitats ta' qiegħ il-baħar. Xi whud adottaw miżuri biex inaqqsu l-impatti perikoluži tiegħu, jew li jkopru żoni kbar jew speċifikament għal ħabitats vulnerabbli.

L-Istati Membri jirregolaw ukoll attivitajiet oħra li jikkawżaw pressjoni fiżika fuq qiegħ il-baħar, bħall-ankrar fil-Mediterran, li huwa theddida partikolari għall-mergħat tal-Posidonia, l-irkaptu tas-sajd mitluf u t-tħammil tar-ramel. Minkejja l-pressjoni dejjem akbar mill-infrastruttura tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, inkluži l-kejbils, ftit Stati Membri biss jindirizzaw il-pressjoni kkawżata mill-installazzjoni tal-enerġija mir-riħ. Il-miżuri jinkludu l-immappjar ta' tipi ta' ħabitats vulnerabbli ta' qiegħ il-baħar, pereżempju. L-adozzjoni f'Marzu 2023 ta' valuri ta' limitu għall-UE kollha għall-firxa massima tal-effetti avversi u t-telf fuq il-ħabitats ta' qiegħ il-baħar għandha tappoġġja t-

([68]) Skont il-kriterju D3C3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848.

tfassil ta' miżuri saħansitra aktar effettivi għall-integrità ta' qiegħ il-baħar fiċ-ċiklu li jmiss.

Il-ħabitats tal-kolonni tal-ilma għadhom fil-biċċa l-kbira injorati taħt id-deskritturi tal-bijodiversità iżda huma koperti minn miżuri biex jitnaqqsu l-livelli tat-tniġġis fil-kolonna tal-ilma.

Eżempju tajjeb

It-tnaqqis taż-żona tat-tkarkir fl-ilmijiet nazzjonali u l-promozzjoni ta' impatt aktar baxx u rkaptu aktar selettiv għall-flotta kollha huma eżempji tal-miżuri meħuda minn xi Stati Membri biex jgħinu fil-protezzjoni tal-ħabitats ta' qiegħ il-baħar barra mill-MPAs.

Miżuri għax-xbieki alimentari (Deskrittur 4)

B'mod ġenerali, ma sar l-ebda progress notevoli dwar il-miżuri għax-xbieki alimentari tal-baħar; l-azzjoni dwar l-integrità tal-ispeċijiet u ta' qiegħ il-baħar tixpruna titjib fix-xbieki alimentari.

L-MSFD tirrikjedi li x-xbieki alimentari tal-baħar ikunu f'saħħithom, li jfisser li l-organiżmi ħajjin kollha fl-ambjent tal-baħar partikolari jkunu f'bilanċ u li kapaċi jiksbu abbundanza u kapaċità riproduttiva fit-tul. L-attivitajiet tal-bniedem jistgħu jaffettwaw il-bilanċ ta' din ir-relazzjoni kumplessa, pereżempju billi jneħħu wisq ħut tal-foraġġ u jagħmluha aktar diffiċli għall-predaturi tagħhom biex isibu l-ikel.

Ftit li xejn hemm eżempji ta' miżuri diretti prattiċi meħuda mill-Istati Membri biex jissalvagwardjaw is-saħħa tax-xbieki alimentari tal-baħar. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri marbuta max-xbieki alimentari għandhom l-għan li jipproteġu l-bijodiversità b'mod ġenerali, bħad-dežinjazzjoni jew l-espansjoni tal-MPAs, jew miżuri speċifiċi għall-ispeċijiet bħall-prevenzjoni tal-qabda aċċessorja. Filwaqt li dawn il-miżuri huma importanti għaż-żamma tal-popolazzjonijiet ta' ċerti speċijiet, u għalhekk ix-xibka alimentari lokali, dawn għandhom biss impatt indirett fuq is-saħħa ġenerali tax-xibka alimentari.

Eżempju tajjeb

Eżempji ta' miżuri meħuda minn xi Stati Membri għal xbieki alimentari jinkludu r-restrizzjoni tas-sajd ta' ċertu grupp trofiku (eż. tal-ħut predatorju jew tal-foraġġ kollu) jew ta' ċerti speċijiet kummerċjali li għandhom rwol partikolarment importanti fix-xibka alimentari, jew it-tnaqqis tal-livelli tas-sajd b'mod ġenerali.

Miżuri biex jitnaqqsu pressjonijiet oħra mhux ta' tniġġis fuq il-bijodiversità (Deskritturi 2 u 7)

B'mod ġenerali, sar progress fl-identifikazzjoni ta' miżuri xierqa biex jiġu indirizzati speċijiet mhux indiġeni. Madankollu, ftit Stati Membri għamlu progress fl-indirizzar tal-bidliet fil-kundizzjonijiet idrografiċi.

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri biex jitnaqqas it-theddid għall-bijodiversità li jirriżulta minn speċijiet mhux indiġeni huma relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Ilma tas-Saborra tal-OMI, peress li t-tbaħħir huwa rikonoxxut b'mod wiesa' mill-Istati Membri bħala l-perkors ewlieni ta' introduzzjoni. L-akkwakultura hija identifikata wkoll bħala

perkors ta' introduzzjoni li qed jikber, u xi Stati Membri ħadu miżuri ta' detezzjoni bikrija permezz tal-monitoraġġ tal-hotspots tal-akkwakultura. It-tbaħħir rikreazzjonali u s-sajd mill-art huma wkoll dejjem aktar koperti minn miżuri preventivi.

Bidliet permanenti fil-kundizzjonijiet idrografiċi, bħat-temperatura tal-ilma jew is-salinità, jista' jkollhom impatt ukoll fuq il-bijodiversità tal-baħar billi jfixklu l-ħabitats tal-kolonna tal-ilma u l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom l-ispeċijiet tal-baħar jgħixu, jieklu u jirriproduċu. Il-miżuri diretti ewlenin meħuda mill-Istati Membri biex jipprevjenu xi wħud minn dawn il-bidliet, b'mod partikolari fiż-żoni kostali, huma marbuta mal-RBMPs tad-WFD. Dawn jinkludu, pereżempju, il-kontroll tal-fluss tal-ilma ħelu u tas-sediment mix-xmajjar għal ġol-baħar. Il-miżuri indiretti jinkludu l-iżgurar li l-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi u l-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali jkopru dawn l-impatti jew l-użu tal-ippjanar tal-ispazju marittimu biex jiġu ppjanati u kkontrollati aħjar l-effetti kumulattivi li potenzjalment iwasslu għal alterazzjonijiet fil-kundizzjonijiet idrografiċi. It-tibdil fil-klima qed jaffettwa wkoll b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet idrografiċi (ara d-dettalji hawn taħt).

Eżempju tajjeb

Il-miżuri innovattivi meħuda minn ċerti Stati Membri jinkludu l-iżvilupp ta' viżjoni li tħares 'il quddiem biex jiġu żviluppati attivitajiet fuq skala kbira (eż. siti ta' produzzjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta u l-akkwakultura). Abbażi ta' dawn ix-xenarji futuri, l-ippjanar spazjali tal-attivitajiet tal-bniedem fuq il-baħar jista' jitfassal biex jimmaniġġja l-impatti kumulattivi futuri u jiżgura li dawn ma jipprevjenux il-kisba tal-GES.

3.3 L-INDIRIZZAR TAL-KRIŻI KLIMATIKA

L-2023 kienet l-aktar sena sħuna li qatt ġiet irreġistrata f'ħafna partijiet tal-emisferu tat-Tramuntana ([69]). B'riżultat ta' dan, il-biċċa l-kbira tal-baċiri fl-Oċean Atlantiku kienu aktar sħan mill-medja, speċjalment fl-Ewropa ([70]). Ir-Rapport ta' Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa ([71]) jikkonferma li l-ibħra Ewropej kollha huma affettwati ħafna mir-riskji klimatiċi u mill-pressjoni antropoġenika.

L-aħħar rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel ([72]) jindika li l-oċean qed jisħon, jaċidifika u jbati minn deossiġenazzjoni. It-trajettorja dejjem tikber ta' dan it-"triju fatali" se tnaqqas il-kapaċità tal-oċean li jassorbi d-diossidu tal-karbonju u jippreserva l-ħajja fuq il-pjaneta.

F'deċiżjoni reċenti, it-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar iċċara li "*l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra fl-atmosfera jikkostitwixxu tniġġis tal-ambjent tal-baħar fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(4) tal-Konvenzjoni tan-NU*" ([73]). B'din id-deċiżjoni, it-Tribunal jorbot direttament l-isforzi tal-pajjiżi biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera (u b'hekk jiġġieldu t-tibdil fil-klima) ma' azzjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ambjent tal-baħar, fil-kuntest tal-UNCLOS. Din id-deċiżjoni għandha tinqara wkoll fil-kuntest tal-MSFD, li tirrikjedi li l-Istati Membri jindirizzaw it-tniġġis tal-ambjent tal-baħar.

([69]) State of the Global Climate 2023.
([70]) The European heatwave of July 2023 in a longer-term context | Copernicus.
([71]) European Climate Risk Assessment – European Environment Agency (europa.eu).
([72]) AR6 Synthesis Report: Climate Change 2023 – IPCC.
([73]) https://www.itlos.org/fileadmin/itlos/documents/press_releases_english/PR_350_EN.pdf.

Għalhekk huwa meħtieġ li tittieħed azzjoni u jittieħdu miżuri biex tiġi appoġġjata r-rabta bejn l-oċeani u l-klima. B'mod partikolari, l-oċean jista' jgħin biex jittaffa t-tibdil fil-klima billi:

- Jippreserva l-kapaċità tal-oċeani li jaġixxu bħala bjar tal-karbonju. Ekosistemi kostali u tal-baħar f'saħħithom jiżguraw li l-oċeani jżommu l-kapaċità tagħhom li jaħżnu l-karbonju.
- It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz tal-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli mill-oċeani u l-ekoloġizzazzjoni tas-setturi tal-ekonomija blu.

L-indirizzar tat-tibdil fil-klima permezz tal-MSFD

B'mod ġenerali, għalkemm l-MSFD ma tindirizzahiex direttament, ħafna Stati Membri ħadu miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima, eż. jappoġġjaw lill-komunitajiet kostali, u xi whud ħadu miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, eż. ir-restawr tal-ekosistemi tal-karbonju blu.

Sal-lum, it-tibdil fil-klima la huwa kopert b'mod espliċitu minn deskrittur tal-MSFD u lanqas ma huwa elenkat bħala forma ta' pressjoni. Madankollu, it-tibdil fil-klima jissemma fid-Direttiva u l-istrateġiji olistiċi tal-baħar jipprovdu qafas tajjeb għall-monitoraġġ tal-impatti tat-tibdil fil-klima u l-esplorazzjoni tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Dan l-approċċ ġie kkonfermat mill-valutazzjoni li saret għaċ-ċiklu preċedenti, meta l-Istati Membri enfasizzaw li l-impatti kkawżati mit-tibdil fil-klima u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani huma kwistjonijiet transfruntiera importanti indirizzati bħala parti mill-programmi ta' monitoraġġ tal-MSFD ([74]).

Peress li t-tibdil fil-klima huwa ta' tħassib għar-reġjuni kollha tal-baħar u pressjoni dejjem akbar fuq l-ambjent tal-baħar, diversi Stati Membri issa jqisuha bħala kwistjoni ewlenija: 4 % tal-miżuri kollha (84 miżura minn 15-il Stat Membru) huma direttament relatati mat-tibdil fil-klima.

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri relatati mal-klima jikkonċernaw l-adattament jew ir-reżiljenza, jiġifieri t-tnaqqis tal-impatti tat-tibdil fil-klima jew l-appoġġ lill-komunitajiet fl-indirizzar u l-irkupru minn deterjorazzjonijiet futuri. Terz huwa relatat mal-mitigazzjoni, jiġifieri t-tnaqqis u l-prevenzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, inkluża azzjoni biex jiġu restawrati l-ekosistemi tal-karbonju blu.

Ħafna miżuri importanti jirriżultaw minn ħidma taħt l-RSCs, oħrajn mill-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-Istati Membri jew l-istrateġiji nazzjonali ta' adattament għat-tibdil fil-klima.

Eżempju tajjeb

Billi jikkwantifikaw il-karbonju sekwestrat mill-alka tal-qiegħ u l-foresti tal-makroalgi, xi Stati Membri jidentifikaw hotspots tal-karbonju fl-ilmijiet tagħhom u jiżguraw li l-attivitajiet ekonomiċi ma jipperikolawhomx jew, għall-kuntrarju, jikkontribwixxu għar-restawr tagħhom.

([74]) Ir-Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (europa.eu).

4. L-IŻGURAR TAS-SOLIDITÀ SOĊJO-EKONOMIKA

B'mod ġenerali, l-Istati Membri issa għandhom fehim akbar tal-impatti soċjoekonomiċi tal-miżuri tal-MSFD. Madankollu, inqas minn nofshom jindikaw il-livell ta' investiment meħtieġ u ftit li xejn iħarsu lejn l-aċċettazzjoni soċjali tal-miżuri proposti.

Kważi l-Istati Membri kollha wettqu analiżi tal-kostijiet-benefiċċji u/jew tal-kosteffettività fuq il-miżuri tagħhom, u xi wħud segwew b'kategorizzazzjoni tal-inqas miżuri kosteffettivi. Ftit biss spjegaw kif dawn l-analiżijiet influwenzaw l-għażla tal-miżuri, pereżempju billi pprijoritizzaw ċerti miżuri fuq oħrajn. Xi Stati Membri mir-reġjun Baltiku għamlu paragun kwantitattiv bejn il-kostijiet tal-programmi ta' miżuri tagħhom u l-benefiċċji (miksuba jew potenzjali) tat-titjib tal-istat tal-ambjent tal-baħar.

Is-sajd u t-tbaħħir huma ż-żewġ attivitajiet/setturi rrapportati bħala l-aktar milquta mill-miżuri tal-MSFD. Żewġ Stati Membri biss eżaminaw ukoll kif il-programmi ta' miżuri tagħhom jaffettwaw il-kwistjonijiet soċjali u l-benesseri tal-bniedem. Stat Membru wieħed investiga jekk kull miżura ġdida individwali tistax tkun mistennija li jkollha impatt pożittiv, negattiv jew l-ebda impatt fuq il-komunitajiet lokali, it-tradizzjonijiet, il-wirt kulturali, l-impjiegi u s-saħħa.

Il-miżuri proposti tal-MSFD li jkopru l-perjodu 2022-2027 ġew stmati għal kost medju ta' EUR 724 għal kull km^2 ta' erja tal-baħar fis-sena. Abbażi ta' din id-data, il-kost tal-miżuri tal-MSFD għall-ilmijiet tal-baħar kollha tal-UE jista' jiġi stmat għal EUR 5,8 biljun fis-sena ([75]). Abbażi tar-rapportar tal-Istati Membri tas-sehem tal-miżuri tagħhom li huma speċifiċi għall-MSFD (42 %), il-kost tal-miżuri speċifiċi għall-MSFD għall-ilmijiet tal-baħar kollha tal-UE huwa stmat għal EUR 2,4 biljun fis-sena.

Kważi l-Istati Membri kollha jimmobilizzaw taħlita ta' fondi nazzjonali u tal-UE, b'xi Stati Membri jelenkaw il-fondi tal-UE għal 50 - 80 % tal-miżuri tagħhom. Il-fondi tal-UE li jissemmew l-aktar ta' spiss huma FEMS/FEMSA, LIFE u Orizzont Ewropa. Aktar minn nofs l-Istati Membri jsemmu wkoll il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat, jew bħala kostijiet għas-settur privat biex isegwi l-miżuri li huma implimentati (eż. bħala investiment kapitali) jew bħala finanzjament ipprovdut minn fondazzjonijiet ambjentali għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-MSFD.

5. GOVERNANZA U KOOPERAZZJONI REĠJONALI

It-tfassil ta' programm xieraq skont l-MSFD jeħtieġ mhux biss l-identifikazzjoni tal-miżuri t-tajba biex jgħinu fil-kisba tal-GES iżda wkoll l-istabbiliment ta' qafas ta' governanza biex jappoġġja l-implimentazzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni vvalutat erba' aspetti ewlenin tal-mekkaniżmi ta' governanza tal-Istati Membri: l-involviment tal-pubbliku, il-koordinazzjoni bejn l-oqsma ta' politika relatati, il-kooperazzjoni reġjonali u l-probabbiltà ta' implimentazzjoni.

L-Istati Membri stabbilew mekkaniżmi ta' governanza biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' miżuri iżda l-koordinazzjoni ma' awtoritajiet oħra u ma' Stati Membri ġirien mhux dejjem tkun biżżejjed. Sa mill-ewwel

([75]) Total ta' km² ta' ilmijiet tal-baħar ta' 22 Stat Membru tal-UE (7 958 556) * kost medju tal-miżuri għal kull km² (724) = EUR 5 764 104 242,96. Il-kalkoli huma inklużi f'EUR. Ara kalkoli aktar dettaljati fil-SWD li jakkumpanja din il-komunikazzjoni.

programmi ta' miżuri, aktar Stati Membri esprimew impenn ċar għall-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi ta' miżuri tagħhom.

L-ostakli identifikati mill-Istati Membri jinkludu l-finanzjament u kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali, irrapportati minn ftit Stati Membri biss. L-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda ostaklu għall-implimentazzjoni ta' kważi nofs il-miżuri tagħhom (48 %) ([76]).

L-involviment tal-pubbliku

B'mod ġenerali, il-proċessi għall-involviment tal-pubbliku jidhru adegwati iżda l-punt sa fejn jużaw il-feedback biex jemendaw il-programmi ta' miżuri huwa ħafna inqas ċar.

Żewġ Stati Membri biss ma semmewx it-twettiq ta' konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-programmi ta' miżuri tagħhom. Mill-15 l-oħra, kwart irrapportaw biss informazzjoni limitata ħafna dwar kif iqisu l-input mill-pubbliku fl-għażla u t-tfassil tal-miżuri. Il-livell ta' involviment kien ogħla meta l-informazzjoni dwar il-konsultazzjoni ġiet ipprovduta bl-użu tal-media tradizzjonali u soċjali.

Il-feedback jista' jiġi pprovdut permezz ta' mezzi differenti inkluż kuntatt dirett mal-pubbliku permezz ta' workshops, seminars u laqgħat mal-partijiet ikkonċernati flimkien ma' konsultazzjonijiet online. Erba' Stati Membri biss irrapportaw li jwarrbu l-ħin biex jittrattaw il-feedback pubbliku bl-użu ta' metodoloġija komprensiva u jemendaw il-programmi tagħhom fejn xieraq.

Kooperazzjoni ma' awtoritajiet, politiki u Stati Membri oħra

B'mod ġenerali, il-pajjiżi kollha jikkooperaw f'oqsma ta' politika u ma' awtoritajiet oħra, għalkemm mhux dejjem huwa ċar x'inhu l-eżitu ta' din il-kooperazzjoni. Xi pajjiżi jikkooperaw aktar mill-qrib mal-awtoritajiet tad-WFD u tal-MSP, inkluż billi jieħdu approċċ konġunt għat-tfassil tal-miżuri. Il-kooperazzjoni reġjonali għandha rwol importanti fl-iżvilupp tal-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri f'xi reġjuni, iżda l-livell ta' koerenza reġjonali tal-miżuri jibqa' moderat.

L-Istati Membri kollha jagħmlu rabtiet ċari ħafna bejn il-programmi ta' miżuri tal-MSFD tagħhom u l-miżuri meħuda skont partijiet oħra tad-dritt tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Ħabitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-politika komuni tas-sajd.

Dan huwa konformi mas-sejba li 58 % tal-miżuri inklużi f'dawn it-tieni programmi ta' miżuri huma derivati minn strumenti legali oħra ([77]). Il-biċċa l-kbira huma marbuta ma' oqfsa relatati mat-tniġġis (eż. id-WFD, id-direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, il-liġi dwar l-iskart, is-sustanzi kimiċi u l-agrikoltura, il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju), l-oqfsa relatati mal-bijodiversità (bħad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika) u l-politiki tas-sajd u dawk relatati mal-baħar (eż. l-ippjanar tal-ispazju marittimu, il-politika komuni tas-sajd, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, eċċ.). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirreferu wkoll għall-objettivi tal-istrateġija għall-bijodiversità, iżda rarament għall-miri ta' 30 % u 10 % stabbiliti fl-

([76]) Ara l-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka: Louropoulou, E., et al., Programmi ta' Miżuri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina għall-kisba jew iż-żamma ta' Status Ambjentali Tajjeb, bħal hawn fuq.

([77]) Għal analiżi aktar dettaljata, ara l-Illustrazzjoni 2 f'SWD(2025) 1.

istrateġija. Hemm saħansitra inqas referenzi għall-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero, għalkemm il-miżuri adottati skont l-MSFD għall-ġlieda kontra t-tniġġis huma allinjati bis-sħiħ mal-objettivi tiegħu.

Il-koordinazzjoni mal-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-proċessi tal-ippjanar tal-ispazju marittimu jissemmew l-aktar fir-rapporti tal-MSFD; anqas fl-RBMPs tad-WFD. Ftit Stati Membri biss elaboraw dwar kif jirregolaw u jikkoordinaw bejn politiki differenti u l-eżiti ta' din il-koordinazzjoni. Pereżempju, Stat Membru wieħed spjega li l-awtoritajiet responsabbli għall-MSFD u dawk responsabbli għad-WFD kienu fasslu katalogu ta' miżuri komuni għall-objettivi taż-żewġ liġijiet u li jaġġornaw il-katalogu f'konformità maċ-ċikli ta' implimentazzjoni tal-MSFD u tad-WFD (ara wkoll ir-rapport tad-WFD) ([78]).

Il-koordinazzjoni reġjonali, b'mod partikolari permezz tal-RSCs, hija kkwotata ta' spiss fil-programmi kollha ta' miżuri u tissemma mis-17-il Stati Membri kollha. Huma jiddeskrivu wkoll mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ma' pajjiżi ġirien fi ħdan l-RSCs u jagħmlu referenzi frekwenti għal pjanijiet ta' azzjoni (eż. il-pjan ta' azzjoni reġjonali OSPAR għall-iskart fil-baħar jew il-pjan ta' azzjoni tal-Baħar Baltiku), inizjattivi konġunti jew proġetti fit-taqsimiet tad-deskritturi individwali. Xi Stati Membri kkomplementaw dan b'aktar kuntatti fil-livell sottoreġjonali, pereżempju billi organizzaw laqgħat trilaterali biex jidentifikaw kwistjonijiet komuni relatati mal-ġestjoni tal-MPAs, l-iskart fil-baħar u l-istorbju taħt l-ilma fil-Golf tal-Biskalja.

Minkejja koordinazzjoni intensa u li tieħu ħafna ħin fi ħdan ir-reġjuni differenti, mhuwiex sodisfaċenti li wieħed jara li, bħala medja, hemm biss grad moderat ta' koerenza reġjonali tal-programmi ta' miżuri. Il-koerenza hija partikolarment fqira fl-azzjoni biex jiġu indirizzati l-kontaminanti fil-frott tal-baħar (D9), il-kundizzjonijiet idrografiċi (D7) u x-xbieki alimentari (D4) fit-tliet reġjuni kollha. Filwaqt li tikkonferma r-riżultati pożittivi miksuba matul dan il-perjodu, il-koerenza hija l-ogħla (moderata sa għolja) fit-tliet reġjuni kollha dwar l-iskart fil-baħar (D10).

Eżempju tajjeb

L-appoġġ mill-RSCs fl-iżvilupp tal-miżuri jista' jkollu rwol importanti. Fil-Baħar Baltiku, l-għodda tas-Sufiċjenza tal-Miżuri tal-HELCOM ([79]), użata mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri Baltiċi, wasslet mhux biss għal livell ogħla ta' koerenza reġjonali iżda wkoll għal livell ogħla ta' kwalità tal-miżuri mressqa mill-Istati Membri individwali.

Il-probabbiltà li l-Istati Membri jimplimentaw il-programmi ta' miżuri tagħhom

Meta jiġu meqjusa għadd ta' kriterji (inkluż kif l-Istat Membru jqis l-impatti soċjoekonomiċi, jekk identifikax sorsi ta' finanzjament, il-livell ta' koordinazzjoni mal-politiki ewlenin tal-UE u l-livell ta' dettall tal-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni) huwa

([78]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u tad-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE) It-tielet pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar It-tieni pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar, COM(2025) 2

([79]) https://helcom.fi/baltic-sea-action-plan/som/#:~:text=The%20aim%20of%20the%20sufficiency,GES)%20in%20the%20Baltic%20Sea.

possibbli li l-Istati Membri jiġu raggruppati skont il-probabbiltà li jimplimentaw il-programmi ta' miżuri tagħhom ([80]) (Tabella 1).

Tabella 1. Probabbiltà ta' implimentazzjoni tat-tieni programmi ta' miżuri tal-Istati Membri


Probabbiltà ta' implimentazzjoni	Stati Membri	Ġustifikazzjoni
Probabbli ħafna jew probabbli	EE, LV, SE, PT, FI, FR, LT, ES, PL, IE, SI, DE u BE	Dawn l-Istati Membri għamlu analiżi soċjoekonomika soda tal-impatti tal-programmi ta' miżuri tagħhom, identifikaw b'mod ċar is-sorsi ta' finanzjament u jidhru li kkoordinaw b'mod attiv fost l-awtoritajiet differenti involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri. B'mod importanti, huwa ċar kif, fejn u meta se jiġu implimentati l-miżuri l-ġodda li pproponew.
Probabilità moderata	NL, RO u CY	Dawn l-Istati Membri għamlu analiżi parzjali tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-miżuri tagħhom u investigaw kwistjonijiet soċjali sa ċertu punt. Huma elenkaw sorsi ta' finanzjament iżda ma allokawx ammonti speċifiċi għal miżuri speċifiċi. Il-koordinazzjoni mal-awtoritajiet tidher aktar limitata jew superfiċjali u huwa wkoll inqas ċar fejn, kif u meta se jiġu implimentati miżuri ġodda.
Mhux probabbli	IT	Dan l-Istat Membru ftit ipprovda informazzjoni dwar is-sorsi ta' finanzjament u rrapporta biss analiżi soċjoekonomika superfiċjali tal-miżuri tiegħu. Ma hemm l-ebda sinjal ta' koordinazzjoni bejn l-MSFD u liġijiet oħra tal-UE, jew ma ġiex irrapportat. Lanqas ma huwa ċar fejn, meta u kif se jiġu implimentati miżuri ġodda.

Id-Direttiva tippermetti wkoll lill-Istati Membri japplikaw, f'ċirkostanzi definiti sew, eċċezzjonijiet għall-kisba tal-GES (l-Artikolu 14). Dawn iċ-ċirkostanzi jinkludu l-fatt li l-kisba ta' tali għanijiet hija relatata ma' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni lil hinn mir-responsabbiltà tagħhom, avvenimenti ta' *force majeure*, jew il-fatt li l-kundizzjonijiet naturali ma jippermettulhomx jiksbu titjib f'waqtu fl-istatus tal-ilmijiet tal-baħar tagħhom.

Kif muri fl-Illustrazzjoni 4, 12 mis-17-il Stat Membru rrapportaw eċċezzjonijiet għal dawn ir-raġunijiet possibbli kollha, ħlief għal *force majeure*. Il-kontaminanti u l-ewtrofikazzjoni huma s-suġġetti li għalihom il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri talbu eċċezzjoni, filwaqt li semmew kundizzjonijiet naturali li ma jippermettux titjib f'waqtu fl-istatus tal-ilmijiet tal-baħar. L-istorbju taħt l-ilma huwa l-uniku suġġett li għalih ma ntalbet l-ebda eċċezzjoni, u ntalbu ftit eċċezzjonijiet għal xbieki alimentari, kundizzjonijiet idrografiċi u kontaminanti tal-frott tal-baħar, is-suġġetti kollha li bħalissa mhumiex żviluppati tajjeb ħafna skont l-MSFD.

([80]) Spjegazzjoni aktar dettaljata tal-metodoloġija użata għal din il-valutazzjoni hija pprovduta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

Illustrazzjoni 4. Eċċezzjonijiet għan-nuqqas ta' kisba tal-GES kif irrapportat taħt it-tieni programmi ta' miżuri



6. KONKLUŻJONIJIET U ASPETTATIVI

L-Istati Membri wettqu ħidma impressjonanti fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tan-natura kumplessa ħafna u diversa tal-pressjonijiet tal-baħar meħtieġa biex jinkiseb GES. Is-sehem tal-**miżuri mfassla speċifikament għall-MSFD** – u mhux adottati taħt oqfsa oħra – **żdied minn 25 % għal 42 %,** li juri li l-MSFD huwa fattur ewlieni ta' miżuri ġodda sabiex jipproteġu l-ambjent tal-baħar u biex jiġi użat b'mod sostenibbli.

Minkejja dan, hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġi armonizzat l-iżvilupp ta' miżuri peress li hemm **disparitajiet ċari bejn id-deskritturi u l-Istati Membri**. Bħala medja, madwar is-17-il Stati Membri kollha, huma biss il-miżuri għall-iskart fil-baħar u għall-ispeċijiet mhux indiġeni li jitqiesu li jindirizzaw sa ċertu punt il-kwistjonijiet meħtieġa biex jiġu rrimedjati l-problemi ([81]). Il-miżuri biex jiġu indirizzati forom oħra ta' tniġġis, it-telf tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima għadhom meqjusa insuffiċjenti, għalkemm sar progress f'xi oqsma bħall-protezzjoni ta' qiegħ il-baħar u l-alterazzjonijiet fil-kundizzjonijiet idrografiċi.

Ħafna miżuri jirriżultaw minn oqfsa leġiżlattivi oħra, bħal-liġi tal-UE li tirregola l-ilma, in-nitrati u s-sustanzi kimiċi, il-politika komuni tas-sajd jew id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats. Madankollu, dawn l-oqfsa ma għandhomx l-istess kamp ta' applikazzjoni, u l-MSFD tistabbilixxi rekwiżiti għal forom addizzjonali ta' pressjonijiet ambjentali (pereżempju, it-tniġġis tal-baħar f'żoni lil hinn mill-kosta, eż. mill-

([81]) Spjegazzjonijiet dettaljati dwar il-metodoloġija u l-punteġġ tal-valutazzjoni tal-adegwatezza huma inklużi f'SWD(2025) 1.

produzzjoni tal-fjuwils fossili). **Dan juri l-ħtieġa għal aktar ħidma biex jiġu koperti dawn il-lakuni meta jitfasslu l-miżuri tal-MSFD**.

B'kuntrast ma' dan, l-Istati Membri ħadu miżuri aħjar biex jindirizzaw pressjonijiet jew impatti li huma inqas koperti tajjeb minn politiki u leġiżlazzjoni oħra, bl-eċċezzjoni tal-istorbju taħt l-ilma u x-xbieki alimentari. Fin-nuqqas ta' "xibka ta' sikurezza" ta' leġiżlazzjoni mmirata li ilha stabbilita li tirregola l-kwistjoni fil-livell tal-UE, b'mod ġenerali l-Istati Membri kienu aktar innovattivi fl-identifikazzjoni ta' miżuri għall-ispeċijiet mhux indiġeni, il-kundizzjonijiet idrografiċi, l-integrità ta' qiegħ il-baħar u l-iskart fil-baħar. Dawn għadhom jużaw l-oqfsa eżistenti iżda l-kisba tal-GES għal dawn is-suġġetti tirrikjedi li l-Istati Membri jaħsbu b'mod kollettiv dwar approċċi ġodda biex jindirizzaw dawn il-problemi.

Il-miżuri dwar l-iskart fil-baħar huma eżempju tajjeb ta' kif l-MSFD tista' tagħmel differenza filwaqt li taħdem f'sinerġija ma' oqfsa leġiżlattivi oħra. Bħala punt tat-tluq, diversi Stati Membri setgħu jivvalutaw kemm huma 'l bogħod milli jilħqu l-objettiv tal-GES, ikkwantifikat permezz tal-valur ta' limitu miftiehem reċentement ([82]). Abbażi ta' dan, huma fasslu miżuri xierqa biex inaqqsu d-distakk, inklużi referenzi għal oqfsa oħra. Mhux biss il-miżuri għall-iskart fil-baħar huma ta' kwalità aħjar mill-miżuri għal suġġetti oħra, iżda huma wkoll aktar koerenti reġjonalment. B'kuntrast ma' dan, il-miżuri dwar l-istorbju taħt l-ilma għadhom ma laħqux l-aspettattivi. Dan juri li s-suċċess jiddependi fuq ħafna fatturi, inkluż sensibilizzazzjoni tal-pubbliku għolja u bażi soda ta' data u għarfien, li t-tnejn li huma għadhom neqsin sa ċertu punt għall-istorbju taħt l-ilma.

Għall-parti ewlenija, il-**miżuri huma moderatament koerenti fi ħdan reġjun tal-baħar**. Il-grad ta' koerenza huwa ogħla fejn ġew żviluppati għodod biex jappoġġjaw il-valutazzjoni ta' kemm l-Istati Membri jinsabu 'l bogħod minn GES u l-miżuri meħtieġa biex jingħalaq id-distakk, pereżempju permezz tal-ħidma tal-HELCOM fil-Baħar Baltiku. Mis-seba' Stati Membri meqjusa li għandhom programm ta' miżuri ta' kwalità tajba, ħamsa jaqsmu l-ilmijiet fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u ħadmu flimkien fil-qafas tal-HELCOM.

B'mod ġenerali, l-approċċ biex jittieħdu miżuri skont l-MSFD għadu jeħtieġ ħidma u sforz. B'mod partikolari, **jibqa' diffiċli biex jiġi vvalutat b'kemm u sa meta l-miżuri se jnaqqsu l-impatt fuq l-ambjent tal-baħar u jgħinu biex jinkiseb GES**. Dan huwa parzjalment minħabba n-nuqqas ta' GES kwantifikat b'mod ċar, u parzjalment għal nuqqas ta' għodod u metodoloġiji xierqa, inkluż l-immudellar, sabiex tiġi vvalutata aħjar l-azzjoni meħtieġa biex jinkiseb GES. Żviluppi reċenti f'dan il-qasam huma inkoraġġanti u għandhom ikomplu. Dawn il-kwistjonijiet se jiġu analizzati wkoll aktar fl-evalwazzjoni li jmiss tal-MSFD.

7. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż huma pprovduti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport ([83]). Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma applikabbli għall-Istati Membri kollha tal-UE:

1. L-Istati Membri għandhom **iżidu l-livell ta' ambizzjoni** u **jaċċelleraw l-azzjoni biex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva**. Dan jinvolvi:

([82]) https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC121707
([83]) SWD(2025) 1.

a. l-iżvilupp ta' programmi aktar robusti ta' miżuri bbażati fuq valutazzjoni aktar ċara tad-distakk li għandu jitnaqqas biex jintlaħaq status ambjentali tajjeb;
b. it-tfassil ta' miżuri kwantitattivi li jnaqqsu d-distakk bejn l-istatus attwali u l-istatus ambjentali tajjeb, kif ikkwantifikat mill-valuri ta' limitu stabbiliti fil-livell tal-UE, reġjonali u sottoreġjonali u integrati fl-istrateġiji marini tal-Istati Membri ([84]);
c. l-iżgurar li l-miżuri meħuda skont leġiżlazzjoni u politiki oħra jkollhom il-livell ta' ambizzjoni t-tajjeb biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-GES, jew jikkomplementawhom biex ikopru kwistjonijiet li huma meħtieġa għall-GES iżda li mhumiex parti mill-oqfsa eżistenti.

2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jistabbilixxu, kif xieraq, **miżuri addizzjonali biex inaqqsu l-isfidi ambjentali persistenti** (pressjoni) li jipprevjenu l-kisba ta' status ambjentali tajjeb.

   a. Dwar it-**tniġġis**, dan jinvolvi:
      i. it-tisħiħ tal-azzjoni biex jitnaqqas it-tniġġis akustiku taħt l-ilma, inkluż billi jiġu indirizzati s-sorsi ewlenin ta' storbju kontinwu – bħat-tbaħħir – u billi jiġu stabbiliti żoni b'livell baxx ta' storbju għall-ispeċijiet tal-baħar;
      ii. it-tisħiħ tal-azzjoni biex jitnaqqas it-tniġġis min-nutrijenti biex jintlaħqu l-objettivi tal-MSFD, tad-WFD u tad-Direttiva dwar in-Nitrati;
      iii. it-tnaqqis tat-tniġġis kimiku minn sorsi bbażati fuq il-baħar, b'mod partikolari l-estrazzjoni tal-idrokarburi, u minn sustanzi ġodda, inklużi l-PFAS, il-farmaċewtiċi jew il-mikroplastiċi;
      iv. it-tkomplija tal-azzjoni biex jitnaqqas l-impatt tal-iskart fuq il-ħajja tal-baħar, filwaqt li jitnaqqsu l-inputs fis-sors.

   b. Dwar il-**bijodiversità**, dan jinvolvi:
      i. it-tlestija tan-network ta' MPAs koerenti, rappreżentattivi u ġestiti b'mod effettiv biex tintlaħaq il-mira tal-2030 stabbilita fl-istrateġija għall-bijodiversità biex jiġu protetti 30 % tal-ilmijiet, inkluż 10 % strettament, f'konformità mal-ambizzjoni stabbilita fil-pjan ta' azzjoni tal-baħar u l-obbligi skont il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal;
      ii. it-tisħiħ tal-azzjoni biex titnaqqas il-qabda aċċessorja ta' speċijiet sensittivi, li jibda mill-ispeċijiet ta' prijorità kif rakkomandat fil-pjan ta' azzjoni tal-baħar;
      iii. l-implimentazzjoni mingħajr dewmien tal-obbligi skont ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura bħala kontributi kritiċi għall-kisba tal-GES skont l-MSFD;
      iv. l-indirizzar tar-riskji għall-ekosistemi tal-baħar marbuta mal-espansjoni projettata tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, flimkien mal-impatti kumulattivi tal-attivitajiet eżistenti fuq il-baħar, permezz ta' ppjanar tal-ispazju marittimu bbażat fuq l-ekosistema li jħares 'il quddiem.

([84]) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-valuri ta' limitu stabbiliti skont id-Direttiva 2008/56/KE Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/848 (C/2024/2078), 11.3.2024.

c. Fir-rigward tat-**tibdil fil-klima**, l-Istati Membri kollha għandhom ifittxu li jqisu t-tibdil fil-klima fit-tfassil u l-għażla tal-miżuri tagħhom u b'mod partikolari:
    i. jipprijoritizzaw miżuri li jgħinu biex jillimitaw/inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż billi jirrestawraw l-ekosistemi tal-karbonju blu;
    ii. jiżguraw li miżuri jew gruppi ta' miżuri oħra ma jżidux l-emissjonijiet tal-gassijiet serra;
    iii. jieħdu miżuri biex issaħħu l-kapaċità ta' adattament tal-komunitajiet kostali għat-tibdil fil-klima, eż. billi jirrestawraw l-ekosistemi kostali.

3. L-Istati Membri għandhom **iżidu l-investiment u jipprovdu finanzjament suffiċjenti biex jimplimentaw il-programm ta' miżuri** sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-MSFD. Dan jinvolvi b'mod partikolari:
    a. l-iżvilupp ta' perspettiva strateġika għall-investimenti biex jinkiseb status ambjentali tajjeb, filwaqt li jiġi evitat approċċ frammentat għall-finanzjament ta' miżuri individwali u jitnaqqsu l-ineffiċjenzi f'oqsma ta' politika differenti;
    b. l-identifikazzjoni ċara tas-sors ta' finanzjament meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-miżuri kollha;
    c. l-użu ta' strumenti u għodod finanzjarji eżistenti li jappoġġjaw l-iżvilupp ta' miżuri għall-protezzjoni tal-baħar u l-użu sostenibbli, inkluż permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, bħall-Faċilità għall-Koeżjoni, l-Irkupru u r-Reżiljenza, il-fondi reġjonali, il-FEMSA, LIFE u l-Orizzont Ewropa fir-raggruppamenti differenti tiegħu (eż. Missjonijiet u Sħubijiet), fost l-oħrajn.

4. L-Istati Membri għandhom **jistabbilixxu mekkaniżmi ta' governanza li jappoġġjaw it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' miżuri ambizzjużi, koerenti, koordinati, ġusti u effettivi**. Dan jinvolvi:
    a. l-indirizzar deċiżiv tal-ostakli għall-implimentazzjoni tal-miżuri, bħal finanzjament insuffiċjenti;
    b. it-titjib tal-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet biex jiġi żgurat li l-miżuri tal-MSFD li jiddependu fuq politiki oħra jiġu implimentati bis-sħiħ mill-awtoritajiet li jittrattaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki, b'mod partikolari fir-rigward tas-sajd, l-agrikoltura u l-enerġija;
    c. l-involviment tal-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati fl-istadju tal-ippjanar, filwaqt li jitqiesu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fit-tfassil tal-miżuri u l-iżgurar tal-aċċettabbiltà soċjali tal-miżuri proposti, l-adozzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament biex jiġu limitati l-impatti negattivi potenzjali jekk ikun meħtieġ;
    d. iż-żieda fil-koordinazzjoni bikrija tal-programmi ta' miżuri mal-Istati Membri ġirien biex jiġu żgurati l-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetà tal-miżuri fir-reġjun u l-ippjanar ta' azzjoni konġunta fejn meħtieġ;
    e. l-operazzjonalizzazzjoni tal-aspetti spazjali tal-programmi ta' miżuri tal-MSFD permezz ta' pjanijiet spazjali marittimi biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' protezzjoni spazjali u l-miżuri għat-tnaqqis tal-pressjoni spazjali ppjanati jittieħdu bis-sħiħ fl-MSP.

5. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri għandhom jipprovdu **rapportar elettroniku aktar aġġornat u komplut** sabiex jagħtu aktar trasparenza lill-pubbliku dwar il-miżuri proposti u dwar kif huma mistennija jappoġġjaw il-progress lejn il-GES u l-miri. Dan se jippermetti wkoll il-komparabbiltà fost l-Istati Membri u r-reġjuni tal-baħar.